 - wara li kkunsidrat ir-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Poliċi (ACP-EU/100.919/11/fin.),
- A. billi d-demokrazija mhijiex l-ekwivalenti ta' livell ta' żvilupp ekonomiku, billi l-pajjiżi tal-AKP u l-UE jikkondividu valuri u prinċipji universali fil-qasam tad-demokrazija, il-governanza tajba u d-drittijiet tal-bniedem, u billi d-demokrazija hija objettiv komuni fil-qalba tal-koperazzjoni UE-AKP,
- B. billi d-demokrazija hija sistema politika li fiha s-sovranità toriġina mill-poplu,
- C. billi d-demokrazija ma tirrigwardax biss il-fatt li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet teoretiċi għal-libertà iżda tirrigwarda wkoll sistema vijabbli li tipprovdi mezzi ġusti u disponibbli għaċ-ċittadini kollha biex titjeb il-ħajja kwotidjana tagħhom; billi l-Unjoni Ewropea għandha tkun konxja tal-kritika sikwit bilanċjata li meta tevalwa s-sitwazzjonijiet fil-pajjiżi terzi xi drabi tiffoka wisq fuq l-aspetti teoretiċi tad-demokrazija filwaqt li tinsa tanalizza kemm fil-fatt qed isir xogħol biex tinħoloq soċjetà ġenwinament demokratika,
- D. billi t-tiftix għal stabilità ekonomika u soċjali m'għandux jingħata iktar importanza mill-prinċipji demokratiċi,
- E. billi l-elezzjonijiet liberi u ġusti huma vitali iżda insuffiċjenti għal demokrazija reali, ladarba d-demokrazija hija mira permanenti li teħtieġ ir-rispett għall-pluraliżmu, ir-regola tal-maġġoranza u d-drittijiet tal-minoranza, l-istat tad-dritt u qafas legali li fih l-ebda partit ma jista' jemenda l-kostituzzjoni biex jieħu vantaġġ minnha,
- F. billi r-regoli kostituzzjonali dwar is-suċċessjoni tal-poter u d-drittijiet fundamentali m'għandhom qatt ikunu ambigwi jew suġġett potenzjali ta' interpretazzjoni każwali,
- G. billi l-formazzjoni governattiva ta' wara elezzjoni sikwit timponi sfidi sinifikanti għad-demokrazija, b'mod partikolari meta jiġu stabbiliti ftehimiet dwar il-kondiviżjoni tal-poteri,

- H. billi kemm l-UE kif ukoll il-pajjiżi tal-AKP għandhom interess komuni kbir fl-iżvilupp kontinwu ta' demokrazija u fl-istabbiliment ta' kostituzzjonaliżmu li jiffunzjona tajjeb,**
- I. billi l-iżvilupp uman, ekonomiku u soċjali jippermetti li d-demokrazija parlamentari tiffunzjona iktar faċilment,**
- J. billi l-integrità tal-affarijiet pubbliċi u tal-immaniġġjar tal-fondi pubbliċi tinsab fil-qalba ta' governanza tajba u tal-istat tad-dritt; billi l-mexxejja politiċi għandhom jinżammu responsabbli politikament u legalment għall-appropriazzjoni privata tal-fondi pubbliċi,**
- K. billi l-istess prinċipji għandhom ikunu applikabbli b'mod estensiv u m'għandhomx ikunu suġġetti għal "standards" nazzjonali jew reġjonali speċifiċi,**

I. Prinċipji demokratiċi

1. Tenfasizza li l-bażi għal demokrazija soda tikkonsisti fl-universalità tad-drittijiet, l-ugwaljanza għaċ-ċittadini kollha quddiem il-liġi u l-libertà tal-individwu; tindika li huwa fundamentali li l-kulturi, ir-reliġjonijiet u l-gruppi etniċi kollha f'pajjiż jiġu rispettati;
2. Tfakkar li s-sistemi demokratiċi kollha huma bbażati fuq kostituzzjoni u fuq il-ġurisdizzjoni li takkumpanjaha, u tenfasizza l-importanza li jiġi żgurat ir-rispett għall-prinċipju tal-indipendenza tal-korp tal-imħallfin;
3. Tenfasizza li l-bilanċ tal-poteri (il-poter eżekuttiv, leġiżlattiv u ġudizzjarju) huwa sine qua non għall-eżerċitar tad-demokrazija;
4. Tenfasizza l-importanza li l-poplu jiġi kkonsultat regolarment permezz ta' elezzjonijiet u referenda liberi, ġusti u mingħajr tagħwiġ u li qabilhom ikun hemm kampanji ta' informazzjoni u dibattiti estensivi;
5. Tenfasizza l-importanza ta' sistema ta' partiti politiċi pluralisti u d-definizzjoni ċara ta' stejtu ta' oppożizzjoni;
6. Tenfasizza l-valuri u l-oġettivi komuni tal-UE u tal-pajjiżi tal-AKP f'termini ta' demokrazija u governanza tajba; tenfasizza, madankollu, li l-pajjiżi kollha għandhom il-karatteristiki kulturali u storiċi tagħhom u li dawn id-differenzi għandhom jiġu rispettati;
7. Tenfasizza li soċjetà ma tistax tkun tabilħaqq demokratika mingħajr ma jkollha midja indipendenti, libera u pluralista;
8. Titlob li tingħata attenzjoni lis-sistemi elettorali kemm fl-UE kif ukoll fl-Istati Membri tal-AKP; twissi kontra prattiki bħat-tbagħbis fit-taqsim tad-distretti, il-manipulazzjoni tal-listi elettorali, il-parzjalità tal-imħallfin fir-rigward tal-kostituzzjonalità jew tat-tilwim elettorali, u t-fassil jew l-emendar ta' kostituzzjoni biex jiġu ssodisfati l-aspirazzjonijiet ta' dawk fil-poter;

9. Tenfasizza li l-elezzjonijiet u d-demokrazija rappreżentattiva m'għandhomx ikunu problema iżda soluzzjoni, li jfisser li:
- għandhom ikunu liberi u ġusti;
 - min jitlef għandu jaċċetta r-riżultati u jikkontestahom permezz ta' mezzi kostituzzjonali biss;
 - il-maġġoranza għandha tirrispetta l-minoranzi, is-separazzjoni tal-poteri u l-indipendenza tal-korp tal-imħallfin;
10. Tenfasizza l-ħtieġa urġenti li jiġu trattati l-problemi kwotidjani, bħall-faqar, in-nuqqas ta' servizzi tas-saħħa aċċessibbli u l-korruzzjoni, li jikkontribwixxu għall-perċezzjoni tal-popolazzjoni li d-demokrazija ma tejbix il-ħajja kwotidjana tagħhom;

II. Istituzzjonijiet demokratiċi

11. Tenfasizza l-importanza ta' bilanċ u separazzjoni ċari tal-poteri;
- 12. Tirrakkomanda li l-kostituzzjonijiet jiddefinixxu b'mod ċar ir-regoli dwar is-separazzjoni tal-poteri u jispeċifikaw il-qafas istituzzjonali korrispondenti; tesprimi riservi dwar kostituzzjonijiet flessibbli li huma suġġetti għal emendi frekwenti;**
- 13. Tenfasizza l-irwol li l-parlamenti għandu jkollhom fil-monitoraġġ tal-poteri eżekuttivi;**
14. Tittama li l-Assemblea Parlamentari Konġunta (JPA) AKP-UE se jkollha rwol ewlieni fl-iskambju ta' opinjonijiet, ta' esperjenzi u ta' prattiki fil-qasam tal-ħidma parlamentari;
15. Tappoġġja l-introduzzjoni ta' istituzzjonijiet u mekkaniżmi li jipprevienu l-monopolji tal-ġid u l-korruzzjoni;
- 16. Tirrakkomanda li r-regoli għas-suċċessjoni politika jiġu definiti b'mod ċar, filwaqt li twissi kontra kostituzzjonijiet li jistgħu jiġu emendati faċilment;**
- 17. Tappoġġja l-fatt li d-drittijiet fundamentali kostituzzjonali jiġu abbozzati b'tali mod li kwalunkwe restrizzjoni permessa tiġi definita u limitata b'mod ċar u tiġi suġġetta b'mod strett għall-interess ġenerali;**
18. Tirrikonoxxi li għalkemm il-ftehimiet dwar il-kondiviżjoni tal-poter jistgħu jkunu utli f'każ ta' kriżijiet serji, dawn il-miżuri għandhom jittieħdu biss f'ċirkostanzi estremament eċċezzjonali u għal perjodu limitat; tenfasizza li l-kondiviżjoni tal-poter tista' twassal għan-nuqqas ta' oppożizzjoni reali u kritika, bħalma huwa evidenti, pereżempju, fiż-Żimbabwe u l-Kenja; tenfasizza li l-kondiviżjoni tal-poter hija differenti għalkollox minn gvern ta' koalizzjoni;
19. Twissi li d-diviżjoni tal-poter skont ftehimiet ta' kondiviżjoni tal-poter qatt ma tiġi definita b'mod ċar u dan joħloq saħansitra iktar kunflitt, bir-riskju li l-opinjoni tas-

soċjetà ċivili tiġi injorata, billi dawn il-ftehimiet sikwit ikunu ftehimiet bejn in-nies tal-ogħla kalibru fi ħdan il-partiti politiċi;

20. **Tenfasizza li l-istejtus tal-oppożizzjoni huwa essenzjali għall-eżerċitar tad-demokrazija, bħalma huma essenzjali regoli stretti dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi;**
21. **Tfakkar li matul il-kampanji elettorali, l-allokkazzjoni tar-riżorsi statali għandha tkun strettament ikkontrollata;**
22. Tenfasizza li l-elezzjonijiet kollha għandhom ikunu liberi, ġusti u mingħajr tagħwiġ u li r-riżultati għandhom jiġu rispettati sal-inqas dettall; tenfasizza li t-tentattivi biex l-elezzjonijiet jintużaw bħala għodda huma ta' theddida għad-demokrazija;

III. Sfdi Demokratiċi

23. Tilqa' b'sodisfazzjon iż-żieda fl-elezzjonijiet demokratiċi fil-kontinent Afrikan, filwaqt li tħeġġeġ li jitkompla l-monitoraġġ mill-qrib tal-elezzjonijiet, mhux biss matul u qabel l-elezzjonijiet, iżda anki, fuq kollox, wara li jseħħu, u ttenni l-irwol ċentrali li għandhom il-kumitati elettorali nazzjonali indipendenti, inkluż l-appoġġ finanzjarju; tenfasizza li ta' spiss dawn tal-aħħar ma jkollhomx biżżejjed riżorsi; tenfasizza l-importanza li jiġi żgurati li l-awtoritajiet nazzjonali u internazzjonali kompetenti jissorveljaw l-elezzjonijiet;
24. Tirrakkomanda, sabiex tiġi promossa d-demokrazija, miżuri biex iċ-ċittadinanza toħroġ fid-dimensjonijiet politiċi, ekonomiċi u soċjali kollha tagħha, permezz ta' sett ta' regoli speċifiċi u sistema edukattiva ta' kwalità għolja;
25. Tenfasizza l-irwol pożittiv tal-armata fil-Ginea u n-Niġer biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni lejn id-demokrazija; tittama li l-membri kollha tal-awtoritajiet tat-tranżizzjoni joqogħdu lura milli joħorġu bħala kandidati fl-elezzjonijiet biex terġa' tinġieb id-demokrazija;
26. Tikkundanna l-livell baxx ta' impenn fost uħud mill-mexxejja tal-pajjiżi tal-AKP lejn il-valuri demokratiċi, u dan sikwit jiġi rifless fid-dominanza tas-sovranià sagra tat-tradizzjoni;
27. Tikkundanna n-nuqqas ta' timijiet ta' osservazzjoni tal-UE fl-elezzjonijiet tal-imgħoddi, pereżempju fl-aħħar elezzjonijiet tar-Rwanda, u titlob żieda fil-missjonijiet konġunti awtonomi AKP-UE fil-futur, li jikkombinaw l-esperjenza estensiva u varjata taż-żewġ naħat; tenfasizza l-valur miżjud konsiderevoli tal-koperazzjoni bejn ir-rappreżentanti nazzjonali tal-pajjiżi tal-AKP u l-UE matul dawn il-missjonijiet;
28. Tikkundanna t-theddida għad-demokrazija li timponi l-korruzzjoni, anki fi ħdan l-UE;
29. Twissi kontra r-riformi kostituzzjonali jew il-bidliet elettorali introdotti fil-livell leġiżlattiv eżatt qabel l-elezzjonijiet li jkunu waslu biex isiru, u tenfasizza r-riskju li dawn il-bidliet jistgħu jinfluwenzaw ir-riżultati tal-votazzjoni;

30. Tfaħħar, min-naħa l-oħra, il-pożizzjoni li kulma jmur qed issir iktar b'saħħitha tal-parlamenti f'diversi nazzjonijiet, bir-reżistenza eċċezzjonali tal-Parlament tan-Niġerja biex jimmodifika l-kostituzzjoni għat-tielet leġislatura presidenzjali fl-2006 bħala eżempju prominenti; tħeġġeġ li ssir konsultazzjoni regolari u li jiġu kkunsidrati l-pożizzjonijiet espressi mill-parlamenti nazzjonali;
31. Tilqa' b'sodisfazzjon l-elezzjoni presidenzjali paċifika fin-Niġer f'Marzu 2011 u tenfasizza li din hija ġrajja importanti fil-proċess tat-tranżizzjoni lejn id-demokrazija; tilqa' b'sodisfazzjon ukoll ir-referendum paċifiku u organizzat tajjeb dwar l-indipendenza għan-Nofsinhar tas-Sudan f'Jannar 2011, ħaġa li wriet ir-rieda taż-żewġ partiti biex isolvu l-kwistjoni tal-indipendenza b'mod paċifiku;
32. Tikkundanna r-rifjut tal-President tal-Côte d'Ivoire Laurent Gbagbo, li dalwaqt se jispiċċalu l-mandat, li jaċċetta r-riżultati mħabbra mill-Kummissjoni Elettorali Indipendenti u ċċertifikati min-NU;
33. Tappoġġja d-dritt taċ-ċittadini li jesprimu r-rieda tagħhom għall-bidla politika permezz ta' dimostrazzjonijiet paċifiċi u tappoġġja l-movimenti demokratiċi f'forma ta' dimostrazzjoni tal-massa mill-persuni li jgħixu taħt dittatorjat; tikkundanna kwalunkwe użu sproporzjonat tal-forzi armati biex jitwaqqfu dawn id-dimostrazzjonijiet;

IV. Miżuri konkreti

34. Tilqa' d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, li jestendi l-poteri tal-Parlament Ewropew biex tizzied id-dimensjoni demokratika tal-azzjonijiet tiegħu;
35. Tistieden lill-pajjiżi kollha biex jirratifikaw il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u tikkundanna l-fatt li l-libertà tal-ħsieb u d-drittijiet kulturali mhumiex garantiti biżżejjed f'diversi pajjiżi tal-AKP; tħeġġeġ diskussjonijiet konġunti dwar dawn is-suġġetti bejn l-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi tal-AKP;
36. Tappoġġja l-isforzi, u tirrikonoxxi l-importanza, tal-ħidma tal-Unjoni Afrikana (UA), tal-Caricom, tal-Comesa, tal-Awtorità Intergovernattiva dwar l-Iżvilupp (IGAD) u tal-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika (SADC) u tilqa' inizzjattivi bħal PIANZEA¹; tiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa għal miżuri konkreti bħat-taħriġ addizzjonali tal-osservaturi elettorali fil-qafas tal-IGAD u tal-SADC;
37. Tenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ, permezz tat-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid, il-kapaċità intrinsika ta' dawg kollha mitluba jmexxu l-istituzzjonijiet u l-korpi demokratiċi (il-qorti kostituzzjonali, il-kumitati elettorali nazzjonali indipendenti) involuti fit-tmexxija tal-elezzjonijiet biex, fejn ikun possibbli, jiġu simplifikati d-diversi operazzjonijiet fil-proċess elettorali u jiġu evitati d-diffikultajiet li sikwit iwasslu għal kriżijiet postelettorali kbar;
38. Titlob żieda fl-edukazzjoni dwar il-kunċett tad-demokrazija fil-pajjiżi tal-AKP u tal-UE; timpenja ruħha biex tinvestiga l-miżuri possibbli fil-qafas tal-JPA;

¹ In-Netwerk tal-Amministraturi Elettorali fil-Gżejjer Paċifiċi, l-Awstralja u n-New Zealand.

39. Tħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tal-AKP biex jagħmlu sforzi biex jikkondividu l-aqwa prattika fil-qasam tal-liġi kostituzzjonali, pereżempju billi jorganizzaw missjonijiet ta' skambju reċiproku fil-livell tal-esperti;
40. Timpenja ruħha li tkompli tissorvelja t-tendenzi demokratiċi, u terġa' tafferma l-ħtieġa li jiġu adottati miżuri adegwati skont l-Artikolu 96 tal-Ftehma ta' Cotonou meta Stat Membru tal-UE jew tal-AKP ma jkunx irnexxielu jissodisfa l-obbligi tiegħu, bħalma għamel reċentement il-Kunsill tal-UE fir-rigward tal-Madagaskar u l-Fiġi;
41. Tagħti istruzzjonijiet lill-kopresidenti tagħha biex jgħaddu din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill AKP-UE, lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Kummissjoni tal-Unjoni Afrikana u lill-Parlament pan-Afrikan.

L-ASSEMBLEA PARLAMENTARI KONĠUNTA AKP-UE

ACP-EU/100.900/11/fin.

RESOLUTION¹

dwar l-appoġġ baġitarju bħala mod ta' kif tingħata l-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) f'pajjiżi tal-AKP

L-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE,

- wara li ltaqgħet f'Budapest (l-Ungerija) bejn is-16 u t-18 ta' Mejju 2011,
- wara li kkunsidrat l-Artikolu 17(1) tar-Regoli ta' Proċedura tagħha,
- wara li kkunsidrat il-Ftehma ta' Sħubija tal-AKP-UE ffirmata f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 u riveduta fl-2005, u b'mod partikolari l-Artikoli 1, 2, 9, 33 u 61 tagħha,
- wara li kkunsidrat id-Dikjarazzjoni tal-Millennju tan-NU tat-18 ta' Settembru 2000, li tistipula l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (MDGs) bħala oġġettivi stabbiliti b'mod konġunt mill-komunità internazzjonali għall-eliminazzjoni tal-faqar,
- wara li kkunsidrat ir-Risoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti intitolata “Keeping the promise: united to achieve the Millennium Development Goals” (Inżommu l-wegħda tagħna: magħqudin biex nilħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju), adottata fis-Samit dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju li seħħ fi New York bejn l-20 u t-22 ta' Settembru 2010,
- wara li kkunsidrat id-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna tat-2 ta' Marzu 2005 u l-Aġenda ta' Accra għall-Azzjoni tal-4 ta' Settembru 2008 ,
- wara li kkunsidrat il-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp,
- wara li kkunsidrat ir-Rapport Annwali 2010 dwar il-politika tal-iżvilupp tal-Komunità Ewropea u l-politiki tal-għajnuna esterna u l-implimentazzjoni tagħhom fl-2009,
- wara li kkunsidrat il-Green Paper tal-Kummissjoni Ewropea dwar “Il-Futur tal-Appoġġ Baġitarju tal-UE lill-Pajjiżi Terzi” tad-19 ta' Ottubru 2010,
- wara li kkunsidrat **ir-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-attivitajiet ifffinanzjati mit-tmien, id-disa' u l-għaxar Fondi Ewropej tal-Iżvilupp (FEI) tad-9 ta' Novembru 2010²,**

¹ Adottata mill-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE fit-18 ta' Mejju 2011 f'Budapest (l-Ungerija).

² ĠU C 303, 09.11.2010, p. 243..

- wara li kkunsidrat ir-Rapport Speċjali Nru 11/2010 tal-Qorti tal-Awdituri bit-titolu “Il-ġestjoni mill-Kummissjoni tas-Sostenn Baġitarju Ġenerali fil-pajjiżi AKP, tal-Amerika Latina u tal-Asja”,
- wara li kkunsidrat l-istudju mid-Dipartiment għall-Politiki tad-Direttorat Ġenerali għall-Politika Esterna tal-Parlament Ewropew dwar “Il-monitoraġġ tal-appoġġ baġitarju fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw: Analiżi komparattiva tal-mekkaniżmi ta’ kontroll nazzjonali fuq l-appoġġ baġitarju fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw” tal-15 ta’ Lulju 2010,
- wara li kkunsidrat ir-riżoluzzjoni tagħha dwar l-effikaċja tal-ġhajjnuna u d-definizzjoni tal-ġhajjnuna uffċjali għall-iżvilupp, adottata f’Port Moresby fit-28 ta’ Novembru 2008¹,
- wara li kkunsidrat ir-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Ekonomiku, il-Finanzi u l-Kummerċ (ACP-EU/100.900/11/fin.),

A. billi l-koperazzjoni finanzjarja għall-iżvilupp tal-AKP-UE hija sħubija bbażata fuq l-istrateġiji ta’ żvilupp tal-Istati tal-AKP u fuq id-drittijiet u l-obbligi reċiproċi li jiżguraw l-effiċjenza u l-koordinazzjoni tal-ġhajjnuna,

B. billi kemm il-pajjiżi donaturi kif ukoll il-pajjiżi sħab jixtiequ jirrispondu għall-kwistjonijiet dwar l-effikaċja tal-ġhajjnuna emerġenti, sabiex l-Għajjnuna Uffċjali għall-Iżvilupp (ODA) tissarraf kollha kemm hi f’impatti pożittivi fuq haġġet in-nies billi jiġi eliminat il-faqar u jiġu promossi l-paċi u l-prosperità,

C. billi l-appoġġ baġitarju sar modalità ta’ ġhajjnuna dejjem iktar importanti, u billi l-Kummissjoni Ewropea għandha l-għan li żżid l-appoġġ baġitarju minn 25 % tal-finanzjament programmabbli taħt id-9 FEŻ għal kważi 50 % tal-ġhajjnuna programmabbli taħt l-10 FEŻ,

D. billi l-appoġġ baġitarju kkontribwixxa biex jiżdied il-livell ta’ impenn u żborżament tar-riżorsi tal-FEŻ f’haġna Stati tal-AKP,

E. billi, fl-2009, l-appoġġ baġitarju kien jirrappreżenta 28 % (EUR 2.32 biljun) tal-impjenji kollha mill-baġit tal-UE u mill-FEŻ, u billi l-Appoġġ Baġitarju Ġenerali (GBS) kien jammonta għal EUR 860 miljun u kien ikopri 35 % tal-operazzjonijiet tal-appoġġ baġitarju (il-benefiċjarji kollha kienu pajjiżi tal-AKP), filwaqt li l-Appoġġ Baġitarju Settorjali (SBS) kien jirrappreżenta 33 % tal-impjenji l-ġodda tal-appoġġ baġitarju għall-AKP; billi l-ammont u l-orjentazzjoni tal-appoġġ baġitarju mogħti b’mod bilaterali mill-Istati Membri tal-UE jvarjaw b’mod konsiderevoli,

F. billi wieħed mill-ġhanijiet tal-appoġġ baġitarju huwa li jtejjeb id-djalogu politiku bejn id-donaturi u r-riċevituri, ladarba dan jitwettag fl-ambitu tas-sħubija bejn id-donatur u r-riċevitur f’termini tal-iffissar tal-prijoritajiet u l-evalwazzjoni ta’ dawn, ħaġa li tgħin biex il-kontribuzzjonijiet tad-donaturi jiġu allinjati mal-ħtiġijiet u l-preferenzi tal-pajjiż innifsu, bl-għan li jiġu promossi l-istrateġiji ta’ tnaqqis tal-faqar jew l-istrateġiji settorjali nazzjonali,

¹ ĠU C 61, 16.03.2009, p. 26..

G. billi l-appoġġ baġitarju, f'konformità mal-prinċipju tas-sjieda, juża s-sistemi tal-pajjiż (minflok jirreplika l-istrutturi u l-istituzzjonijiet fil-pajjiż sieħeb) biex tiżdied il-prevedibilità u jiġu evitati l-frammentazzjoni tal-ġħajnuna, il-burokrazija u l-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet kemm għall-pajjiżi donaturi kif ukoll għal dawk sħab,

H. billi għadha meħtieġa koperazzjoni iktar mill-qrib bejn id-donaturi u billi l-appoġġ baġitarju jippermetti armonizzazzjoni aħjar tal-azzjonijiet tad-donaturi,

I. billi l-appoġġ baġitarju jitqies bħala politikament sensittiv iżda huwa strument ta' ġħajnuna li m'għandux ikun mgħobbi żżejjed b'talbiet politiċi,

J. billi l-appoġġ baġitarju m'għandux ikun ipprovdut fejn tingħata l-prova ta' korruzzjoni,

K. billi l-appoġġ baġitarju jista' jikkontribwixxi għall-bini tal-kapaċità istituzzjonali u għat-titjib tal-obbligu ta' rendikont u tal-iskrutinju mill-partijiet interessati nazzjonali; billi, madankollu, is-suċċess tiegħu jiġi determinat mill-kapaċità tal-gvernijiet biex jippjanaw u jeżegwixxu l-infiq pubbliku tagħhom u jiġġustifikawh; billi talbiet b'oriġini nazzjonali għall-obbligu ta' rendikont huma kruċjali għall-governanza,

L. billi s-soċjetà ċivili teħtieġ tkun biżżejjed involuta fid-djalogu dwar l-appoġġ baġitarju, fl-implimentazzjoni tal-programmi tal-appoġġ baġitarju u fl-evalwazzjoni tal-infiq baġitarju, u billi l-parlamenti għandu jkollhom rwol sħiħ f'termini tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, kemm minn isfel għal fuq kif ukoll minn fuq għal isfel; billi l-istituzzjonijiet tal-verifika għandhom rwol importanti fil-monitoraġġ u l-verifika tal-appoġġ baġitarju,

1. Tenfasizza li l-appoġġ baġitarju, bħala mezz ta' ġħajnuna finanzjarja għall-iżvilupp, għandu jiffoka fuq it-tnaqqis tal-faqar u l-ilħuq tal-MDGs permezz ta' nfiq pubbliku li dejjem jiżdied b'mod sostanzjali, u jista' biss ikun effikaċi jekk iż-żewġ imsieħba jieħdu r-responsabilitajiet tagħhom fi sħubija reali;

2. Titlob lill-pajjiżi donaturi biex iżidu l-ġħajnuna li hemm fis-sistemi baġitarji tal-pajjiż għar-rata ta' 50 % mwieġħda, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-kriterji tal-eliġibilità; tistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-pajjiżi interessati tal-AKP biex jaħdmu sabiex jiġu konklużi l-kuntratti tat-tip tal-MDGs;

3. Tistieden lill-Kummissjoni biex tuża l-appoġġ baġitarju bħala l-modalità ta' ġħajnuna ewlenija tagħha, sakemm jiġu ssodisfati l-kriterji tal-eliġibilità stipulati fil-Ftehma ta' Cotonou u biex tteġġeġ l-istabbiliment ta' mira kollettiva tal-UE għall-appoġġ baġitarju;

4. Tistieden lill-Kummissjoni biex twettaq u tikkondividi mad-donaturi u r-riċevituri l-evalwazzjonijiet, fil-livell tal-pajjiżi, tar-riskji u l-benefiċċji potenzjali tal-appoġġ baġitarju, biex b'hekk wieħed ikun jista' jagħmel għażliet fir-rigward tal-ambitu, id-daqs, il-forma u l-irwol tal-appoġġ baġitarju fi kwalunkwe pajjiż sieħeb partikolari; tinnota, f'dan il-kuntest, li volumi sinifikanti ta' appoġġ baġitarju jistgħu jkun problematiċi jekk l-istabilità makroekonomika u d-dixxiplina fiskali elementari ma jkunux ġew stabbiliti;

5. Tistieden lill-UE biex tadotta approċċ dinamiku u progressiv għall-appoġġ baġitarju, filwaqt li l-kapaċità fil-pajjiżi sħab titjeb;

6. Tistieden lill-UE biex tiżviluppa u timmaniġġja l-appoġġ baġitarju billi tipprowa tuża l-komplementarjetajiet ma' modalitajiet oħra ta' għajnuna u tippromwovi l-allinjament u l-koordinazzjoni bejn id-diversi strumenti tal-appoġġ baġitarju ġenerali u settorjali; tistieden lill-Kummissjoni biex teżamina l-implikazzjonijiet tad-deċentralizzazzjoni ta' parti mill-appoġġ baġitarju;
7. Tistieden lid-donaturi jżidu l-koordinazzjoni u l-prevedibilità tal-għajnuna u biex jissempifikaw il-proċeduri; tenfasizza li d-donaturi tal-appoġġ baġitarju għandhom ikunu ppreparati għal impenn fit-tul mal-pajjiżi sħab fi spirtu ta' koerenza tal-politiki għall-iżvilupp;
8. Thegħeġ lill-Kummissjoni biex iżżomm l-approċċ dinamiku tagħha fir-rigward tal-kriterji tal-eliġibilità; titlob li jintlaħaq ftehim dwar l-indikaturi tal-prestazzjoni mal-pajjiżi tal-AKP fuq il-bażi ta' djalogu dettaljat u li dawn jitkejlu fl-isfond tar-riżultati dwar l-eliminazzjoni tal-faqar u l-ilħuq tal-MDGs, kif ukoll f'oqsma ta' prijorità oħra li jkun sar ftehim dwarhom b'mod konġunt mill-pajjiżi donaturi u riċevituri;
9. Tenfasizza li l-appoġġ baġitarju m'għandux ikun marbut mal-kundizzjonalità politika u li d-djalogu politiku għandu jseħħ fil-livell tal-koperazzjoni u s-sħubija ġenerali u mhux fil-qafas tal-istrumenti ta' għajnuna individwali bħall-appoġġ baġitarju; tenfasizza, madankollu, l-importanza tad-djalogu politiku ta' livell għoli għall-użu effiċjenti tal-appoġġ baġitarju; Tistieden lill-UE biex tqajjem b'mod sistematiku l-kwistjoni tas-sorveljanza parlamentari tal-appoġġ baġitarju fl-ambitu tad-djalogu politiku;
10. Tfakkar li l-inklużjoni tal-għajnuna fil-baġits hija pass ewlieni lejn iż-żieda fl-iskrutinju parlamentari tal-għajnuna; tistieden lill-gvernijiet tal-pajjiżi riċevituri biex jipprovdu lill-parlamenti tagħhom bl-informazzjoni meħtieġa sabiex il-poter eżekuttiv ikun marbut jagħti ġustifikazzjonijiet, u tistieden lill-membri parlamentari biex jagħmlu użu mill-poteri eżistenti tagħhom; Tistieden lill-pajjiżi sħab biex jibbażaw l-appoġġ baġitarju fuq pjanijiet nazzjonali tajbin u dettaljati għat-tnaqqis tal-faqar u lill-pajjiżi riċevituri biex jużaw il-fondi biex jitjieb l-aċċess universali għas-servizzi pubbliċi bażiċi u biex tonqos l-inċidenza tal-faqar;
11. Titlob il-bini tal-kapaċità fil-ministeri kollha biex jiġi żgurat li l-ifqar persuni jingħataw poter ikbar u jkun hemm żieda fl-effikaċja tal-infiq strateġiku, essenzjalment fl-oqsma tas-saħħa, l-educazzjoni, l-impjieg, l-agrikoltura u l-infrastruttura;
12. Tistieden lill-UE biex tapplika l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi billi tuża indikaturi diżaggregati skont is-sess, u lill-pajjiżi sħab biex jinkludu perspettiva li tikkunsidra s-sessi fil-proċess baġitarju u jippromwovu d-djalogu mal-organizzazzjonijiet tan-nisa;
13. Tenfasizza li l-appoġġ baġitarju m'għandux ikun marbut mal-fatt li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet ekonomiċi probabbilment ifixklu l-iżvilupp tal-pajjiżi tal-AKP; Tfakkar li t-tisħiħ sistemiku tal-finanzi pubbliċi huwa parti importanti ta' strateġija mifruxa kontra l-korruzzjoni, li teħtieġ sorveljanza regolari mill-pajjiżi benefiċjarji;

14. Tistieden lill-gvernijiet donaturi u lir-riċevituri biex jiffukaw fuq l-iżgurar tat-trasparenza u r-responsabilità baġitarji sħaħ, billi dawn huma elementi ewlenin għall-governanza ekonomika u politika tajba;
15. tenfasizza l-ħtieġa li jittieħed impenn konsistenti mal-parlamenti nazzjonali, mal-gvern lokali u mal-atturi mhux statali u li jiżdied il-bini tal-kapaċità tal-parlamenti u tal-istituzzjonijiet fir-rigward tal-verifika sabiex jissaħħu r-responsabilità nazzjonali, is-sistemi ta' mmaniġġjar finanzjarju pubbliku u l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ;
16. Tistieden lill-pajjiżi donaturi u lir-riċevituri biex jakkumpanjaw l-appoġġ baġitarju b'miżuri biex jissaħħu s-sistemi ta' mmaniġġjar finanzjarju pubbliku u l-kapaċità tal-verifika, jiżdied il-bini tal-kapaċità tal-parlamenti u biex jiġu appoġġjati l-atturi mhux statali; tistieden lill-pajjiżi tal-AKP u lill-Kummissjoni biex jimplementaw, fil-kuntest tar-reviżjoni ta' nofs il-perjodu tal-Intra-AKP u l-RIP taħt l-10 FEŻ, programm tal-Intra-AKP biex jiġi appoġġjat il-bini tal-kapaċità fil-pajjiżi interessati tal-AKP permezz ta' programm ta' tagħlim u appoġġ tal-pari biex jitjeb l-immaniġġjar finanzjarju pubbliku meħtieġ għas-sostenn tar-riformi rapidi u ambizzjużi; Tenfasizza li iktar informazzjoni dwar l-appoġġ baġitarju fil-pajjiżi donaturi u riċevituri se żżid it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont u tikkontribwixxi biex dan l-istrument ikun iktar effikaċi; titlob evalwazzjoni sistematika tal-istudji ta' evalwazzjoni biex jiġu identifikati n-nuqqasijiet potenzjali u b'hekk titjeb l-implimentazzjoni;
17. Tirrakkomanda li l-imsieħba jistandardizzaw, sa fejn ikun possibbli, il-kriterji tal-evalwazzjoni għall-appoġġ baġitarju biex jiġu żgurati monitoraġġ aħjar u evalwazzjoni ta' din il-modalità ta' għajjnuna; tistieden lill-pajjiżi tal-AKP u lill-Kummissjoni biex jimplementaw, fil-kuntest tar-reviżjoni ta' nofs il-perjodu tal-Intra-AKP u l-RIP taħt l-10 FEŻ, programm tal-Intra-AKP biex jiġi appoġġjat il-bini tal-kapaċità fil-pajjiżi interessati tal-AKP permezz ta' programm ta' tagħlim u appoġġ tal-pari biex jitjeb l-immaniġġjar finanzjarju pubbliku meħtieġ għas-sostenn tar-riformi rapidi u ambizzjużi;
18. Tenfasizza li iktar informazzjoni dwar l-appoġġ baġitarju fil-pajjiżi donaturi u riċevituri se żżid it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont u tikkontribwixxi biex dan l-istrument ikun iktar effikaċi; titlob evalwazzjoni sistematika tal-istudji ta' evalwazzjoni biex jiġu identifikati n-nuqqasijiet potenzjali u b'hekk titjeb l-implimentazzjoni;
19. Tirrakkomanda li l-imsieħba jistandardizzaw, sa fejn ikun possibbli, il-kriterji tal-evalwazzjoni għall-appoġġ baġitarju biex jiġu żgurati monitoraġġ aħjar u evalwazzjoni ta' din il-modalità ta' għajjnuna;
20. Tistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill tal-UE u lill-Istati Membri tal-UE biex jipprovdu riżorsi adegwati għall-11-il FEŻ, ibbażati fuq ir-riżorsi tal-10 FEŻ, f'konformità mal-impenn tagħhom li jallokaw 0.7 % tal-ING tagħhom lill-ODA sal-2015, u bil-kunsiderazzjoni tal-ħtieġa għal finanzjament tal-obbligi l-ġodda li sar ftehim dwarhom fit-tieni reviżjoni kkompletata reċentement tal-Ftehim ta' Cotonou;
21. Tagħti istruzzjonijiet lill-kopresidenti tagħha biex jibagħtu din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill tal-Ministri tal-AKP-UE, lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti nazzjonali u reġjonali tal-Istati Membri tal-AKP u tal-UE.

L-ASSEMBLEA PARLAMENTARI KONĠUNTA AKP-UE

ACP-EU/100.915/11/fin.

RESOLUTION¹

dwar it-tniġġis tal-ilma

L-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE,

- wara li ltaqgħet f'Budapest (l-Ungerija) bejn is-16 u t-18 ta' Mejju 2011,
- wara li kkunsidrat l-Artikolu 17(1) tar-Regoli ta' Proċedura tagħha,
- wara li kkunsidrat ir-Risoluzzjoni 64/292 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti intitolata “The human right to water and sanitation” (Id-dritt tal-bniedem għall-ilma u l-infrastruttura sanitarja),
- wara li kkunsidrat ir-Risoluzzjoni 15/9 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti intitolata “Human rights and aċċess to safe drinking water and sanitation” (Id-drittijiet tal-bniedem u l-aċċess għall-ilma tajjeb għax-xorb u l-infrastruttura sanitarja),
- wara li kkunsidrat id-Dikjarazzjoni tal-Millennju tan-Nazzjonijiet Uniti tat-8 ta' Settembru 2000 li tistipola l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (MDGs) bħala kriterji stabbiliti b'mod konġunt mill-komunità internazzjonali għall-qerda tal-faqar, u b'mod partikolari s-seba' Għan,
- wara li kkunsidrat ir-rapport ta' Lulju 2009 mħejji mis-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-Millennju,
- wara li kkunsidrat ir-rapport tal-UNDP intitolat “Beyond the Midpoint: Achieving the Millennium Development Goals” (Iktar minn Nofs Triq: l-Ilħuq tal-Miri tal-Millennju għall-Iżvilupp), ippubblikat f'Jannar 2010,
- wara li kkunsidrat ir-rapport tal-UNDP, il-UNFPA, il-UNICEF u d-WFP intitolat “Stocktaking on the Millennium Development Goals” (Rendikont tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju), ippubblikat f'Jannar 2010.
- wara li kkunsidrat ir-rapport dwar l-Iżvilupp tal-Bniedem tal-UNDP intitolat “Beyond scarcity: power, poverty and the global water crisis” (Lil hinn mill-iskarsezza: il-poter, il-faqar u l-kriżi globali tal-ilma),
- wara li kkunsidrat ir-rapport annwali (2010) intitolat “UN-Water global annual assessment of sanitation and drinking water” (Evalwazzjoni annwali globali tal-UN-

¹ Adottata mill-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE fit-18 ta' Mejju 2011 f'Budapest (l-Ungerija).

Water dwar l-infrastruttura sanitarja u l-ilma tax-xorb) (GLAAS),

- wara li kkunsidrat ir-rapport tal-UNICEF intitolat “Progress for children - Achieving the MDGs with equity” (Progress għat-tfal – Nilħqu l-MDGs b’mod ġust), ippubblikat f’Settembru 2010,
 - wara li kkunsidrat it-tnaqqas il punt tal-pjan ta’ azzjoni tal-UE b’appoġġ għall-Għanijiet ta’ Żvilupp tal-Millennju, liema pjan inħareġ mill-Kummissjoni Ewropea fil-21 ta’ April 2010,
 - wara li kkunsidrat il-Laqgħa Plenarja ta’ Livell Għoli tan-NU tal-Assemblea Ġenerali dwar l-Għanijiet ta’ Żvilupp tal-Millennju, li seħħet fi New York bejn l-20 u t-22 ta’ Settembru 2010,
 - wara li kkunsidrat il-Pjan ta’ Azzjoni tal-Ilma tal-G8, adottat f’Evian fl-2003, u r-rapporti sussegwenti tiegħu,
 - wara li kkunsidrat ir-Rapporti ta’ Evalwazzjoni tal-Panil Intergovernattiv dwar il-Bidla fil-Klima (IPCC - Intergovernmental Panel on Climate Change), ippubblikati fl-1990, l-1995, l-2001 u l-2007,
 - wara li kkunsidrat ir-riżoluzzjoni dwar l-ilma fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, adottata mill-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE fit-23 ta’ Novembru 2006 fi Bridgetown (il-Barbados),
 - wara li kkunsidrat ir-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Soċjali u l-Ambjent (ACP-EU/100.915/11/fin.),
- A. billi l-Assemblea Ġenerali tan-NU u l-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem irrikonoxxew li l-aċċess għall-ilma tajjeb għax-xorb u l-infrastruttura sanitarja huma dritt fundamentali,
- B. billi l-ilma huwa riżorsa essenzjali għall-ħajja u s-saħħa u huwa beni pubbliku, u mhux biss oġġett bażiku, u billi, għalkemm l-aċċess għall-ilma huwa dritt fundamentali, is-soċjetà u l-individwi għandhom ir-responsabilità li jamministrawh b’mod sostenibbli,
- C. billi s-seba’ MDG jinkludi l-mira speċifika li, sal-2015, inaqqas bin-nofs in-numru ta’ nies mingħajr aċċess sostenibbli għall-ilma tajjeb għax-xorb u għal infrastruttura sanitarja bażika; billi, minkejja l-progress kollu li sar, il-pajjiżi tal-Afrika sub-Saħarjana, minħabba s-sitwazzjoni attwali, mhumiex se jilħqu dan l-Għan ta’ Żvilupp tal-Millennju; billi l-provvisti tal-ilma għax-xorb u l-infrastruttura sanitarja għandhom problema, b’mod partikolari barra mill-ibliet,
- D. billi, skont l-iktar ċifri reċenti tan-NU, kważi 900 miljun persuna fid-dinja llum m’għandhomx aċċess għall-ilma tajjeb għax-xorb, 2.6 biljun persuna m’għandhomx aċċess għal infrastruttura sanitarja bażika u l-ilma kkontaminat huwa t-tieni kawża l-iktar frekwenti tal-mortalità tat-trabi fid-dinja,

- E. billi jekk jintlaħaq is-seba' MDG, dan ikun jista' joħloq 322 miljun jum ta' xogħol addizzjonali u jkun jista' jippermetti li s-settur tas-saħħa jiffranka USD 7 biljun fis-sena; billi, barra minn hekk, għal kull dollaru investit fl-infrastruttura sanitarja u fl-ilma tajjeb għax-xorb, ir-redditu f'termini tal-iżvilupp ekonomiku huwa bejn USD 3 u USD 34,
- F. billi n-nisa u l-bniet, li huma responsabbli biex jiġbru l-ilma u jieħdu ħsieb lill-morda, huma l-ewwel li jbatu min-nuqqas ta' ilma tajjeb għax-xorb, u billi l-aċċess għall-ilma għax-xorb huwa essenzjali għas-saħħa materna; billi, barra minn hekk, id-distanzi li persuna jkollha tivvjaġġa biex ikollha aċċess għall-ilma nadif u n-nuqqas ta' infrastruttura sanitarja fl-iskejjel għandhom effett negattiv fuq l-aċċess għall-educazzjoni għall-bniet b'mod partikolari,
- G. billi l-Istati Membri tal-UE huma fost id-donaturi prinċipali fis-settur tal-ilma u għandhom esperjenza importanti fil-koperazzjoni internazzjonali għall-iżvilupp u fl-amministrazzjoni tal-ilma,
- H. billi l-inizjattiva tal-UE "Ilma għall-Ħajja" mnedija fis-Samit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli (Johannesburg, Settembru tal-2002) ġiet imfassla bħala approċċ integrat lejn l-amministrazzjoni tar-riżorsi tal-ilma sabiex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju u l-miri ta' żvilupp sostenibbli fir-rigward tal-ilma tajjeb għax-xorb u l-infrastruttura sanitarja,
- I. billi 70 % tal-iskart industrijali mhux trattat fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw jintrema fl-ilma u b'hekk titniġġes il-provvista tal-ilma,
- J. billi, minħabba t-tul tal-perkors tax-xmara u s-sistemi tal-ilma assoċjati, il-problema tat-tniġġis tal-ilma hija kwistjoni transkonfinali li teħtieġ azzjoni komuni,
- K. billi l-UE fl-2002 adottat id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma sabiex tirrazzjonalizza l-approċċ tagħha lejn il-kwistjonijiet relatati mal-ilma u biex tintroduċi obbligu ġenerali ta' ħarsien ambjentali u standard minimu għall-ilmijiet kollha tal-wiċċ,
- L. billi l-bidla fil-klima tinfluwenza l-aċċess għall-ilma tajjeb għax-xorb u l-infrastruttura sanitarja, u r-rapport tal-IPCC tal-2007 kkonkluda li l-bidla fil-klima tista' tilħaq proporzjonijiet drammatiċi sal-2050,
1. Hija tal-fehma li, minħabba l-importanza tal-ilma bħala riżorsa vitali, l-aċċess għall-ilma nadif huwa dritt tal-bniedem fundamentali u għandu jiġi garantit, b'mod partikolari għat-tħejjija tal-ikel u għall-iġjene; iżżid tgħid li l-aċċess għall-ilma huwa wkoll essenzjali għall-produzzjoni; temmen li l-aċċess għall-ilma għandu jintuża bħala indikatur tal-iżvilupp tal-bniedem;
 2. Tindika li l-prevenzjoni tat-tniġġis tal-ilma tagħmel iktar sens f'termini ekonomiċi minn kwalunkwe forma ta' trattament u purifikazzjoni tal-ilma wara li jkun intuża fid-djar jew għal skopijiet oħra;
 3. Tenfasizza li l-problema tal-ilma u t-tniġġis tal-ilma hija kwistjoni trasversali u għandha tiġi trattata b'approċċ multidixxiplinari u multilaterali li jikkombina l-vijabilità

ekonomika, is-solidarjetà soċjali, il-ħarsien tal-impjiegi, ir-responsabilità ekoloġika, il-prinċipju tal-prekawzjoni u l-użu razzjonali, sabiex ma jiġux kompromessi l-ħtiġijiet tal-ġenerazzjonijiet futuri;

4. Tqis kwalunkwe investment fl-infrastruttura u s-servizzi tal-ilma bħala mutur għall-iżvilupp, ladarba t-titjib tas-servizzi tal-ilma se jipprovdi impjiegi għall-komunitajiet lokali, joffri iktar ħin liberu għal attivitajiet produttivi oħra u jrawwem id-dimensjoni soċjali fil-livell lokali;
5. Tenfasizza l-importanza tad-djalogu bejn l-istituzzjonijiet u l-popolazzjoni lokali matul il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fir-rigward tar-riżorsi tal-ilma biex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati, jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet reali tal-utenti u jintgħażlu soluzzjonijiet li jikkunsidraw il-klima, l-ambjent u l-ħiliet disponibbli għall-installazzjoni u l-manutenzjoni tas-sistemi tal-provvista tal-ilma għax-xorb; tenfasizza l-ħtieġa għal strateġija ta' komunikazzjoni adegwata u miżuri edukattivi u ta' promozzjoni dwar l-importanza tal-ilma nadif;
6. Tenfasizza l-importanza tal-finanzjament ta' mikroproġetti u proġetti żgħar sabiex ikun hemm titjib sostenibbli fil-kundizzjonijiet lokali, u tenfasizza l-ħtieġa għal informazzjoni aħjar dwar is-sorsi potenzjali ta' appoġġ;
7. Tenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm qafas legali adegwat li jiżgura l-aċċess għall-ilma, inkluż l-ilma għax-xorb, il-kwalità u l-użu responsabbli tiegħu; tirrakkomanda l-implimentazzjoni tal-prinċipju "min iniġġes iħallas"; tfakkar li l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-ilma għax-xorb għandha tkun prijorità għall-gvernijiet;

Tniġġis mid-drenaġġ

8. Tenfasizza li l-aċċess sikur għall-ilma nadif, ir-rimi adegwat tad-drenaġġ u l-infrastruttura sanitarja tal-ilma huma prerekwiżiti importanti għas-saħħa pubblika, minħabba li jgħinu biex jonqsu r-rati tal-mortalità minn mard marbut mal-kwalità tal-ilma, speċjalment fost it-tfal; tinnota li n-Nazzjonijiet Uniti rrikonoxxew id-dritt għall-aċċess għall-infrastruttura sanitarja bħala dritt fundamentali fuq l-istess skala tad-dritt għall-ilma tajjeb għax-xorb;
9. Tenfasizza, madankollu, li l-provvista tal-aċċess sikur u mifrux għall-ilma għax-xorb permezz ta' netwerks li jipprovdu l-ilma għax-xorb u jarmu d-drenaġġ tiswa l-flus u se tkun piż fuq il-kapaċitajiet finanzjarji limitati ta' ħafna pajjiżi tal-AKP; tfakkar, madankollu, li din għandha tkun waħda mill-prijoritajiet tal-awtoritajiet; tirrakkomanda użu ikbar tal-boreholes fl-irħula u l-mandraġġi b'popolazzjonijiet li qed jiżdiedu b'mod rapidu ħafna u l-użu ta' soluzzjonijiet innovattivi, pereżempju pilloli tal-kloru li jiġġieldu kontra l-mard bħall-kolera, liema mard jiġi kkawżat minn għargħar li kulma jmur qed isir iktar frekwenti;
10. Tenfasizza l-ħtieġa li jiġi miġġieled l-iskart kull fejn hemm riskju ta' nuqqas ta' ilma, u li jsir l-aħjar użu mill-ilma, b'mod partikolari billi dan jintuża mill-ġdid, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu d-diversi skopijiet tal-ilma u jitravwem sens ta' responsabilità fost l-utenti;

11. Temmen li għandhom jitħeġġu l-approċċi innovattivi biex jiġi bilanċjat iċ-ċiklu tal-ilma, bħat-teknoloġiji alternattivi adattati skont is-sitwazzjoni lokali u l-użu ta' materja organika bħala fertilizzant;
12. Tenfasizza li provvista tal-ilma adegwata u sikura tista' tiġi żgurata biss permezz ta' strateġiji fuq perjodu twil u li, biex jinkiseb dan, għandhom jitħeġġu t-teknoloġiji li jiswew l-inqas flus iżda li jkunu l-iktar innovattivi, effiċjenti u sostenibbli, jekk ikun meħtieġ permezz tat-trasferiment teknoloġiku, mingħajr ma tiġi injorata d-dimensjoni ambjentali u fil-kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni lokali, f'konsultazzjoni mal-popolazzjoni lokali;
13. Tenfasizza l-importanza tat-Tieni Faċilità tal-Ilma AKP-UE u tappoġġja l-proġetti tagħha, liema proġetti ġew allokati EUR 200 miljun mill-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp, biex tiġi żgurata l-provvista tal-ilma u tal-infrastruttura sanitarja bażika għall-iktar popolazzjonijiet żvantaġġati, tingħata għajna biex jitjiebu l-governanza tal-ilma u l-immaniġġjar tar-riżorsi tal-ilma u jingħata kontribut għall-iżvilupp sostenibbli u l-manutenzjoni tal-infrastruttura tal-ilma; tfakkar, madankollu, li kwalunkwe deċiżjoni f'dan ir-rigward għandha tittieħed kemm jista' jkun fl-interess tal-persuni kkonċernati;

It-tniġġis industrijali u agrikolu

14. Tieħu nota taż-żieda fil-produzzjoni agrikola, il-qtuġh tal-faħam mill-minjieri, il-produzzjoni industrijali, il-ġenerazzjoni tal-enerġija, il-forestrija u attivitajiet ekonomiċi oħra fil-pajjiżi tal-AKP, li qed iġibu magħhom bidliet fil-karatteristiki kimiċi, bijoloġiċi u fiżiċi tal-ilma b'modi li jistgħu jkunu ta' theddid għal saħħet il-bniedem, l-ekosistemi u l-bijodiversità;
15. Tistieden lill-pajjiżi tal-AKP u lill-Istati Membri tal-UE biex jittrattaw it-tniġġis tax-xmajjar minn kimiki tossiċi u metalli tqal, li huma sors ewlieni tat-tniġġis tal-ilma fil-pajjiżi tal-UE, kif ukoll f'xi wħud mill-pajjiżi tal-AKP; titlob li jittieħdu l-miżuri possibbli kollha biex jiġi evitat li l-industrija, id-deforestazzjoni, il-qtuġh tal-faħam mill-minjieri, il-produzzjoni kimika u l-użu estensiv tal-pestiċidi fl-agrikoltura u l-ortikultura jaffettwaw il-kwalità u l-purità tal-ilma, f'konformità mal-prinċipju tal-prekawzjoni; titlob li jiġu introdotti standards u li jitwettqu analiżi fiż-żoni li jinsabu f'riskju b'penali għal min iniġġes, sabiex jiġi miġġieled it-tniġġis tal-ilmijiet tal-wiċċ (xmajjar, lagi, ilma skulat) u tal-water table minn fertilizzanti, pestiċidi, kimiki tossiċi u metalli tqal;

Il-bidla fil-klima u dik demokratika

16. Tenfasizza l-ħtieġa li l-komunità internazzjonali tagħmel progress fl-istudju dwar il-konnessjoni bejn iż-żieda fil-popolazzjoni tad-dinja u l-bidla fil-klima u, b'mod partikolari, dwar l-impatt li dawn jista' jkollhom fuq l-aċċess għar-riżorsi naturali essenzjali, bħall-ilma tajjeb għax-xorb u fuq l-ilmijiet kostali;
17. Tinnota l-urbanizzazzjoni li qed tiżdied fil-pajjiżi tal-AKP, li tiġġenera l-ħtieġa għal investiment ikbar fl-infrastruttura għall-provvista tal-ilma u għall-ipproċessar tad-

drenaġġ; għaldaqstant, tneġġeg l-investiment fl-irkupru u l-użu mill-ġdid tal-ilma biex jiġi ffrankat dan tal-aħħar u, konsegwentement, l-enerġija;

18. Tneġġeg lill-komunità internazzjonali biex tirrikonoxxi l-importanza tal-protezzjoni tal-foresti tropikali u tibda tittratta din il-kwistjoni bħala waħda ta' prijorità, u tistieden lill-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi l-pajjiżi b'ekonomiji emerġenti, biex jissodisfaw l-impenji li daħlu għalihom fil-Ftehma ta' Kopenħagen għall-mitigazzjoni u t-trasferiment tat-teknoloġiji nodfa sabiex jiġu ppreservati r-riżorsi tal-ilma tad-dinja u jiġu indirizzati l-bidla fil-klima u r-restrizzjonijiet li din tista' timponi fuq ir-riżorsi tal-ilma għax-xorb;
19. Tistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tittrasferixxi l-aqwa Prattiki leġiżlattivi u teknoloġiċi tal-protezzjoni tal-ilma lill-pajjiżi tal-AKP u biex toħloq pjattaforma onlajn biex jinġabru l-eżempji tal-aqwa Prattiki fil-protezzjoni tal-ilma;
20. Tagħti istruzzjonijiet lill-kopresidenti tagħha biex jibagħtu din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill tal-Ministri tal-AKP-UE, lill-Parlament Ewropew, lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Presidenza tal-Kunsill tal-UE u lill-Unjoni Afrikana.

L-ASSEMBLEA PARLAMENTARI KONĠUNTA AKP-UE

ACP-EU/100.957/11/fin.

RESOLUTION¹

dwar is-sitwazzjoni fil-Côte d'Ivoire

L-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE,

- wara li ltaqgħet f'Budapest (l-Ungerija) bejn is-16 u t-18 ta' Mejju 2011,
 - wara li kkunsidrat l-Artikolu 17(2) tar-Regoli ta' Proċedura tagħha,
 - wara li kkunsidrat ir-riżoluzzjonijiet u d-deċiżjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti tal-Unjoni Afrikana, tal-Komunità Ekonomika tal-Istati Afrikani tal-Punent (ECOWAS) u tal-Unjoni Ewropea dwar il-Côte d'Ivoire,
 - wara li kkunsidrat ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti tal-25 ta' Marzu 2011, li tistabilixxi kummissjoni ta' inkjesta internazzjonali sabiex tinvestiga l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-Côte d'Ivoire mill-elezzjoni presidenzjali ta' Novembru 2010,
 - wara li kkunsidrat id-dikjarazzjoni sottomessa mill-Gvern Ivorjan fl-1 ta' Ottubru 2003, li fiha jaċċetta l-ġuriżdizzjoni tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (ICC) għar-reati mwettqa fit-territorju tiegħu mid-19 ta' Settembru 2002,
 - wara li kkunsidrat id-dikjarazzjonijiet tal-kopresidenti tagħha tat-3 ta' Diċembru 2010 u t-18 ta' Marzu 2011 li fihom jikkundannaw il-vjolenza u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-Côte d'Ivoire,
 - wara li kkunsidrat ir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2006 u tas-7 ta' April 2011 dwar is-sitwazzjoni fil-Côte d'Ivoire,
- A. billi l-uniku sors ta' leġittimità huwa l-vot universali, li jfisser li jkun hemm riżultati elettorali inkontestabbli,
- B. wara li kkunsidrat is-serjetà tal-kriżi politika li tfaċċat wara li ġew ikkontestati r-riżultati tat-tieni rawnd tal-elezzjoni presidenzjali li saret fit-28 ta' Novembru 2010 fil-Côte d'Ivoire,
- C. billi l-oġettiv tal-elezzjoni kien li tintemm il-kriżi politika li kienet qasmet il-pajjiż għal għaxar snin,
- D. billi, għall-ewwel darba fl-Afrika, in-NU ġew inkarigati, permezz ta' tnejn mir-riżoluzzjonijiet tagħhom u bi qbil mal-President ta' dak iż-żmien, Laurent Gbagbo, li jiċċertifikaw ir-riżultati tal-elezzjoni presidenzjali, u billi dawn ir-riżultati ċċertifikati kienu jaħtru lis-Sur Alassane Ouattara bħala l-President elett tal-Côte d'Ivoire,

¹ Adottata mill-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE fit-18 ta' Mejju 2011 f'Budapest (l-Ungerija).

- E. billi l-Liġi 2001-303 u l-Artikolu 64 tal-Ordinanza tal-2008 ma jagħtux il-poter lill-Kunsill Kostituzzjonali Ivorjan li jipproklama riżultati differenti minn dawk tal-Kummissjoni Elettorali Indipendenti,
- F. billi l-President li kien se jispiċċalu l-mandat, Laurent Gbagbo, kellu r-responsabilità li jiżgura li s-suċċessur tiegħu jingħata l-poter b'mod paċifiku sabiex tinżamm il-paċi ċivili,
- G. billi sa mis-7 ta' Diċembru 2010 l-ECOWAS stiednet lill-President li kien se jispiċċalu l-mandat biex "iċedi l-poter mingħajr dewmien",
- H. billi fit-8 ta' Diċembru 2010 l-Unjoni Afrikana stiednet lill-President li kien se jispiċċalu l-mandat biex "jirrispetta r-rieda tal-poplu kif ġiet espressa fil-votazzjoni u jċedi l-poter b'mod paċifiku biex jiġi evitat tixrid tad-demmi"; wara li kkunsidrat id-diversi sforzi ta' medjazzjoni tagħha,
- I. billi t-tentattivi kollha matul il-medjazzjoni biex l-ex President Gbagbo jikkonvinċi ruħu jċedi l-poter lill-President elett b'mod demokratiku ma rnexxewx,
- J. billi r-rifjut tal-ex President Gbagbo li jċedi l-poter lill-president elett b'mod demokratiku wassal biex fil-Côte d'Ivoire kważi faqqgħet gwerra ċivili,
- K. billi l-vjolenza kontra n-nies ċivili rriżultat f'diversi eluf ta' mwiet, b'iktar minn miljun persuna jiġu spostati internament u b'iktar minn 100,000 persuna jfittxu rifuġju f'pajjiżi ġirien,
- L. billi twettqu atroċitajiet fil-Côte d'Ivoire, inklużi każijiet ta' vjolenza sesswali, għajbien sfurzati, eżekuzzjonijiet extra ġudizzjarji u l-użu eċċessiv u mingħajr distinzjoni ta' forza kontra n-nies ċivili, li jikkostitwixxu reati kontra l-umanità,
- M. billi dawn l-abbużi, li ġew investigati minn tliet investigaturi internazzjonali maħtura min-NU, probabbilment twettqu minn partijiet differenti tal-kunflitt sempliċement minħabba suspetti li l-vittmi kienu jappartienu għal grupp etniku differenti minn dak tal-persuni li wettqu dawn ir-reati,
- N. billi l-attakki mmirati intenzjonalment kontra l-forzi taż-żamma tal-paċi u l-istituzzjonijiet tan-NU jikkostitwixxu reati tal-gwerra;
- O. wara li kkunsidrat l-applikazzjoni lill-Qorti Kriminali Internazzjonali mibgħuta lill-Aja f'isem il-President Ouattara fid-9 ta' Marzu 2011,
- P. billi din il-vjolenza se jkollha riperkussjonijiet inkalkolabbli fuq haġġet il-popolazzjoni,
- Q. billi l-President Ouattara talab li tintemm il-vjolenza, talab għar-rikonċiljazzjoni u l-istabbiliment ta' Kummissjoni għall-Verità, ir-Rikonċiljazzjoni u d-Djalogu,
- R. billi dan il-perjodu ta' kriżi kellu effetti ekonomiċi, soċjali u umanitarji estremament negattivi, biż-żgħażaġh jaffrontaw nuqqas ta' prospetti f'termini ta' impjieg,

- S. wara li kkunsidrat l-iktar prospetti favorevoli li bdew jinfetħu għall-Côte d'Ivoire wara l-arrest tal-ex President Gbagbo,
1. Tilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-President elett tal-Côte d'Ivoire, is-Sur Ouattara, issa ħa l-kariga;
 2. Tikkundanna l-attentati mill-ex President Gbagbo u s-sostenituri tiegħu biex jużurpa l-poter b'mod vjolenti kontra r-rieda tal-poplu Ivorjan;
 3. Tiddikjara li għandha fiduċja sħiħa fil-persunal tan-NU responsabbli għaċ-ċertifikazzjoni tar-riżultati elettorali;
 4. Tfaħħar l-isforzi li għamlu l-ECOWAS, l-Unjoni Afrikana u n-NU biex tinstab soluzzjoni diplomatika, li setgħet evitat it-tbatija mifruxa kkawżata mill-użu tal-forzi armati, u jiddispjaċiha li dawn l-isforzi ma rnexxewx;
 5. Tikkundanna l-prezz għoli li kellu jħallas il-poplu Ivorjan biex jiġi żgurat li r-rieda tiegħu, espressa b'mod demokratiku, tiġi rispettata;
 6. Tikkundanna b'mod assolut il-brutalità, il-kampanji ripetuti biex jiġu inċitati l-mibegħda, ir-ritaljazzjonijiet, is-sakkeġġi, il-vendikazzjonijiet u l-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem; tikkundanna, b'mod partikolari, il-vjolenza li kien hemm, speċjalment l-użu ta' armi tqal kontra n-nies ċivili, l-attakki fuq il-persunal tan-NU, il-vjolenza sesswali u l-massakri kkonfermati min-NU u mill-organizzazzjonijiet umanitarji;
 7. Tilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti li l-Missjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Côte d'Ivoire (ONUCI) tiġi awtorizzata tuża l-forza biex tiproteġi lill-popolazzjoni ċivili, inter alia, billi jiġi evitat l-użu ulterjuri ta' armi tqal; titlob li l-ONUCI, bl-assistenza tal-forza Franċiża "Licorne", tkompli tipprovdi protezzjoni effikaċi lin-nies ċivili fil-Côte d'Ivoire sakemm tibqa' tintalab tagħmel dan mill-awtoritajiet Ivorjani;
 8. Tikkundanna l-fatt li ma ġiex irrispettat l-embargo fuq l-armi; tilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni tan-NU tat-28 ta' April 2011 biex dan l-embargo jinżamm sena oħra u tħeġġeġ lill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u lill-Unjoni Afrikana biex jagħmlu dak kollu li hu possibbli biex l-embargo jkun effikaċi;
 9. Tistieden lill-pajjiżi ġirien tal-Côte d'Ivoire biex jieħdu kull pass possibbli biex jiġi żgurat li ma jservux ta' rifuġju għall-forzi li jippruvaw jiddestabilizzaw il-pajjiż, biex b'hekk ikunu qed jgħinu lill-Gvern Ivorjan itejjeb is-sigurtà tal-fruntieri tiegħu;
 10. Tikkundanna t-telf massiv ta' ħajjiet umani u l-atti mmirati ta' qerda tal-proprietà; tesprimi l-kondoljanzi tagħha lill-persuni midruba u lill-familji tal-vittmi u ta' dawk li għebu; tagħti l-kondoljanzi mill-qalb lill-poplu u l-gvern Ivorjan, u tħeġġeġ lill-partijiet involuti biex jagħmlu dak kollu li jistgħu biex jipprevienu l-ksur ulterjuri tad-drittijiet tal-bniedem u biex jiżguraw is-sikurezza tal-popolazzjoni;
 11. Tilqa' b'sodisfazzjon l-impenn tal-President Ouattara biex jerġa' jgħib lura l-istat tad-dritt; tistieden lill-awtoritajiet Ivorjani biex jiżguraw li l-azzjonijiet kollha tagħhom jirrispettaw l-istat tad-dritt, ħaġa li tfisser li għandu jsir ir-rikors adegwat għall-

prosekuzzjoni legali kontra dawk kollha li użaw, jew għadhom jużaw, il-vjolenza u kontra dawk kollha li għaddew ir-riżorsi tal-Istat f'idejn partijiet privati, iżda tenfasizza li l-akkużati għandhom jingħataw dritt sħiħ għad-difiża f'qafas għudizzjarju imparzjali u mhux selettiv; tilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni tal-UE li ttiprovdi għajnuna immedjata ta' EUR 18 miljun biex tiġi mmodernizzata s-sistema għudizzjarja Ivorjana;

12. Tittama li tiġi żvelata l-verità dwar il-massakri u r-reati kollha; tilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni tan-NU biex tiġi stabbilita kummissjoni ta' inkjesta internazzjonali indipendenti biex tinvestiga l-allegazzjonijiet tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, ir-reati tal-gwerra u r-reati kontra l-umanità; tistieden lill-partijiet ikkonċernati kollha biex jikkoperaw bis-sħiħ;
13. Tilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni tal-Prosekutur tal-ICC biex tintalab awtorizzazzjoni mill-Kamra Preliminari biex tiġi mnedija investigazzjoni dwar il-“qtil mifruż u sistematiku”, ladarba l-ICC tista' tiddetermina l-ġuriżdizzjoni tagħha fuq il-bażi tal-Artikolu 12(3) tal-Istatut ta' Ruma;
14. Tfakkar li m'hemm l-ebda statut tal-limitazzjonijiet għar-reati tal-gwerra u r-reati kontra l-umanità u li dawk responsabbli m'għandu jkollhom l-ebda impunità temporali, ġeografika jew politika;
15. Tilqa' b'sodisfazzjon it-talbiet tal-President Ouattara biex tintemm il-vjolenza u biex ikun hemm rikonċiljazzjoni u tittama li dawn it-talbiet jinstemgħu mal-pajjiż kollu, b'mod speċjali fi ħdan l-amministrazzjoni u l-forzi armati; tilqa' b'sodisfazzjon l-istabbiliment ta' Kummissjoni għall-Verità, ir-Rikonċiljazzjoni u d-Djalogu u tenfasizza l-importanza tal-koeżjoni soċjali fil-pajjiż;
16. Ittenti l-appoġġ tagħha għall-President Ouattara, il-gvern tiegħu u l-poplu tal-Côte d'Ivoire fil-kompitu tagħhom għar-rikonċiljazzjoni, l-irkupru u l-iżvilupp sostenibbli; titlob li jinbdeu diskussjonijiet biex jerġgħu jiġu stabbiliti l-ordni u l-paċi u l-istabilità u s-sigurtà fil-pajjiż filwaqt li tiġi promossa l-unità nazzjonali;
17. Tfakkar il-proposta tal-President Ouattara biex jiġi ffurmat gvern ta' unità nazzjonali sabiex tiġi promossa tranżizzjoni politika demokratika u paċifika u biex ikunu jistgħu jiġu rrappreżentati l-opinjoni politiki kollha fil-pajjiż u f'kull wieħed mir-reġjuni;
18. Tittama li dan l-istabbiliment mill-ġdid tal-paċi ċivili jippermetti li jiġi elett parlament malajr kemm jista' jkun;
19. Tifraħ lill-Unjoni Ewropea dwar l-għajnuna umanitarja effikaċi tagħha, li tammonta għal iktar minn EUR 54 miljun, u thegħiġha tkompli l-isforzi tagħha sakemm jirritornaw ir-rifuġjati u l-persuni spostati; tfakkar li iktar minn 100,000 rifuġjat ħarbu mill-Côte d'Ivoire, li fil-biċċa l-kbira tagħhom marru l-Liberja, u li iktar minn miljun persuna ġew spostati internament; tistieden lid-donaturi internazzjonali biex jappoġġjaw l-azzjoni tal-Unjoni Ewropea, li rrilaxxat EUR 180 miljun f'għajnuna b'effett minn April 2011;
20. Tilqa' b'sodisfazzjon it-tmiem tal-projbizzjoni tal-esportazzjoni tal-kawkaw mill-awtoritajiet Ivorjani u t-tneħħija tas-sanzjonijiet tal-UE fuq l-entitajiet ekonomiċi, fatt li ppermetta li jerġgħu jinbdeu l-esportazzjonijiet tal-kawkaw;

21. Tittama li l-Côte d'Ivoire jista' jibbenefika mill-ħelsien mid-dejn estern li jammonta għal USD 3 biljun, li ngħata skont l-inizjattiva tal-Pajjiżi Foqra bi Djun Kbar (HIPC), mill-proġetti tal-FEŻ, mill-għajnuna mill-Bank Dinji u mill-FMI u, fejn ikun meħtieġ, mill-fondi addizzjonali mill-Unjoni Ewropea, sabiex l-ekonomija Ivorjana tiġi rilanċjata malajr kemm jista' jkun;
22. Tistenna bil-ħerqa l-missjoni għal ġbir ta' informazzjoni fil-Côte d'Ivoire;
23. Tagħti istruzzjonijiet lill-kopresidenti tagħha biex jibagħtu din ir-risoluzzjoni lill-President Ivorjan, Alassane Ouattara, lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, lill-Unjoni Afrikana u lill-ECOWAS, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU u lill-Prosekutur tal-ICC.

L-ASSEMBLEA PARLAMENTARI KONĠUNTA AKP-UE

ACP-EU/100.958/11/fin.

RESOLUTION¹

dwar it-taqlib demokratiku fit-Tramuntana tal-Afrika u fil-Lvant Nofsani: il-konsegwenzi għall-pajjiżi tal-AKP, l-Ewropa u d-dinja

L-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE,

- wara li ltaqgħet f'Budapest (l-Ungerija) bejn is-16 u t-18 ta' Mejju 2011,
- wara li kkunsidrat l-Artikolu 17(2) tar-Regoli ta' Proċedura tagħha,
- wara li kkunsidrat id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, adottata fl-10 ta' Diċembru 1948 f'Pariġi mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti,
- wara li kkunsidrat l-Artikolu 2, paragrafu 7 tal-Karta tan-NU, li tistabbilixxi noninterferenza fl-affarijiet interni ta' stat bħala prinċipju għall-istabbiliment tal-paċi fir-relazzjonijiet internazzjonali, u wara li kkunsidrat l-eċċezzjonijiet għall-prinċipju tan-noninterferenza, li japplikaw biss f'każ ta' theddida għas-sigurtà kollettiva u huma stabbiliti esklużivament mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (Kapitolu VII),
- wara li kkunsidrat il-ħolqien tal-Politika Ewropea tal-Viċinat mill-2004, b'mod partikolari r-rapporti ta' progress tal-Kummissjoni tat-12 ta' Mejju 2010 dwar it-tweġġiq tal-oġġettivi tagħha maħsuba biex isaħħu l-prosperità, l-istabilità u s-sigurtà tal-pajjiżi ġirien²,
- wara li kkunsidrat il-komunikazzjoni konġunta “Sħubija għad-Demokrazija u l-Prospertà Komuni fin-Nofsinhar tal-Mediterran”³, li tintroduċi approċċ ġdid lejn il-politika tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-ġirien tan-Nofsinhar tagħha,
- wara li kkunsidrat ir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew tat-3 u s-17 ta' Frar, l-24 ta' Marzu u s-7 ta' April 2011, rispettivament dwar is-sitwazzjoni fit-Tuneżija u l-Eġittu, ir-relazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf, ir-reviżjoni tal-Politika – Dimensjoni tan-Nofsinhar⁴ u dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja, fil-Baħrejn u fil-Jemen⁵, – wara li kkunsidrat il-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura u Trattamenti jew Pieni Oħra Krudili, Inumani jew Degradanti tal-1975, li l-Baħrejn, is-Sirja u l-Jemen huma firmatarji tagħha,

¹ Adottata mill-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE fit-18 ta' Mejju 2011 f'Budapest (l-Ungerija).

² COM(2011) 207 finali.

³ COM(2011)200 finali.

⁴ Għadha mhix pubblikata fil-ĠU.

⁵ Għadha mhix pubblikata fil-ĠU.

- wara li kkunsidrat id-Dikjarazzjonijiet tal-Bureau tal-Assemblea Parlamentari tal-Unjoni għall-Mediterran adottati waqt il-laqgħat tiegħu f'Pariġi (12 ta' Lulju 2008), fil-Kajr (20 ta' Novembru 2009), f'Rabat (22 ta' Jannar 2010), f'Palermo (18 ta' Ġunju 2010) u f'Ruma (12 ta' Novembru 2010),
 - wara li kkunsidrat ir-riżoluzzjonijiet preċedenti tan-NU dwar il-Libja, inkluża r-Riżoluzzjoni 1973(2011) tas-17 ta' Marzu 2011, li biha l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet reġjonali huma awtorizzati jipparteċipaw f'no-fly zone fuq il-Libja biex jiproteġu lill-popolazzjoni ċivili u biex “jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiproteġu l-popolazzjonijiet ċivili u ż-żoni f'riskju li jiġu attakkati fil-Ġamahiriya Għarbija Libjana”,
 - wara li kkunsidrat l-interpretazzjonijiet kontradittorji fir-rigward tal-applikazzjoni ta' din ir-Riżoluzzjoni,
 - wara li kkunsidrat ir-riservi espressi mill-Unjoni Afrikana dwar l-implimentazzjoni ta' din ir-riżoluzzjoni,
 - wara li kkunsidrat id-dikjarazzjonijiet tar-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, dwar il-Libja, l-Eġittu, it-Tuneżija, is-Sirja, il-Jemen u l-Baħrejn bejn Frar u Mejju 2011,
 - wara li kkunsidrat l-inizjattiva ta' negozjati meħuda mill-Unjoni Afrikana bl-għan li tintemm il-ġlieda bejn l-oppożizzjoni Libjana u l-gvern ta' Muammar Gaddafi,
- A. billi r-rebħa tal-poplu Tuneżin u ta' dak Eġizzjan tirrappreżenta mewġa ġdida ta' tama, libertà, solidarjetà, demokrazija u bidla reali, mixtieqa kemm mill-popolazzjonijiet kif ukoll mill-popli oppressi,
 - B. billi, permezz ta' dimostrazzjonijiet paċifiċi, il-popli tan-Nofsinhar tal-Mediterran u diversi pajjiżi tal-Lvant Nofsani esprimew b'mod ċar l-aspirazzjonijiet leġittimi tagħhom għal riforma demokratika,
 - C. billi dan it-taqlib irriżulta fit-telf ta' ħajjiet umani, u ħalla eluf ta' persuni spostati u rifuġjati kemm fil-pajjiżi kkonċernati kif ukoll lil hinn minnhom,
 - D. billi dawn l-irvelli demokratiċi huma fil-biċċa l-kbira tagħhom immotivati minn distribuzzjoni inugwali tal-ġid, nuqqas ta' libertajiet, korruzzjoni u nepotiżmu; billi huma jirriflettu l-iskuntentizza ġenerali tal-popolazzjoni bir-reġimi fil-gvern u x-xewqa tagħha għal taħlita ta' tkabbir ekonomiku, rispettt għall-valuri demokratiċi u welfare soċjali,
 - E. billi l-biċċa l-kbira tar-reġimi li twaqqgħu jew li ġew ikkontestati fir-reġjuni ġew appoġġjati mill-Unjoni Ewropea u mill-Istati Membri tagħha, prinċipalment minħabba raġunijiet ġeostrateġiċi, militari, kummerċjali u ekonomiċi,
 - F. billi huwa importanti li jiġi kkunsidrat ir-riskju tat-tixrid tal-armi tal-gwerra u t-theddiet konsegwenti għas-sikurezza tal-umanità,

- G. wara li kkunsidrat l-interdipendenza tar-reġjuni tad-dinja u l-konsegwenzi inevitabbli – pożittivi jew negattivi – li dawn il-movimenti jista' jkollhom fuq ir-reġjuni ġirien fl-Afrika u fl-Unjoni Ewropea,
- H. billi l-ħolqien tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (ENP) mill-2004 kixef diversi nuqqasijiet f'termini ta' difiża tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji demokratiċi u ma nrexxilux iġib miegħu r-riformi politiċi, soċjali u istituzzjonali meħtieġa, b'mod partikolari minħabba djalogu insuffiċjenti mas-soċjetà ċivili u l-forzi tad-demokrazija,
- I. billi l-irvelli demokratiċi tal-poplu tat-Tuneżija, l-Eġittu, il-Libja, is-Sirja, l-Alġerija, il-Marokk, il-Ġordan u pajjiżi oħra tal-Lvant Nofsani jfissru li l-Unjoni Ewropea għandha tadatta l-ENP biex tipprovi appoġġ effikaċi għall-proċess ta' riforma politika, ekonomika u soċjali, filwaqt li tikkundanna b'mod kategoriku l-użu tal-forza biex jitrażżnu d-dimostrazzjonijiet paċifiċi,
- J. billi, skont il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati (UNHCR) iktar minn 450,000 persuna ħarbu mil-Libja lejn pajjiżi ġirien bħat-Tuneżija, l-Eġittu, in-Niġer, il-Mali u l-Ġad u lejn l-Ewropa, u billi mijiet ta' eluf ta' iktar rifuġjati u ħaddiema barranin qed jitħabtu b'mod iddisprat biex jaħarbu l-kunflitt jew jitolqu mil-Libja; billi dan qed joħloq emerġenza umanitarja li titlob reazzjoni rapida mill-UE u solidarjetà fost l-Istati Membri u l-pajjiżi ġirien,
- K. billi nhar it-Tnejn, 16 ta' Mejju 2011, il-Qorti Kriminali Internazzjonali (ICC) tal-Aja talbet li jinħarġu mandati ta' arrest għall-mexxej Libjan Muammar Gaddafi, ibnu Saif al-Islam Gaddafi u l-kap tal-intelliġenza militari tiegħu u akkużathom b'reati kontra l-umanità,
1. Tilqa' l-kuraġġ u d-determinazzjoni tal-poplu tal-Lvant Nofsani u tal-Afrika ta' Fuq, u tappoġġja bis-sħiħ l-aspirazzjonijiet demokratiċi leġittmi tagħhom, li jistgħu jkunu ispirazzjoni għall-bidla demokratika fil-pajjiżi fl-Afrika, il-Karibew, il-Paċifiku, l-Ewropa u l-bqija tad-dinja; itteni l-appoġġ b'saħħtu tagħha għall-popli li qed jagħmlu dimostrarazzjonijiet paċifiċi kontra r-reġimi repressivi awtoritarji, speċjalment għaż-żgħażaġh u n-nisa li jaġixxu bħala atturi u muturi għar-riforma demokratika fid-dinja Għarbija;
 2. Tinnota li l-iżviluppi reċenti fl-Afrika ta' Fuq u fil-Lvant Nofsani għandhom riperkussjonijiet politiċi, ekonomiċi u soċjali, speċjalment fil-pajjiżi nnifishom iżda anki fl-istati tal-AKP u fl-Ewropa;
 3. Tistieden lill-Unjoni Ewropea biex tagħti appoġġ kbir lir-riformi politiċi u ekonomiċi fir-reġjun; tenfasizza li sabiex jingħata l-aqwa appoġġ lit-tranżizzjoni demokratika, huwa essenzjali li jiġu mobilizzati l-istrumenti eżistenti kollha fil-qafas tal-ENP u l-politika ta' żvilupp; titlob li tingħata attenzjoni speċjali lir-rispett tal-libertajiet fundamentali, il-governanza tajba, il-korp tal-imħallfin indipendenti u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni bħala rispons għall-ħtiġijiet u l-aspettattivi tal-poplu;
 4. Tistieden lill-Unjoni Ewropea biex tikkunsidra s-sospensjoni temporanja tal-ħlas lura tad-djun tal-pajjiżi inkwistjoni, u tenfasizza l-ħtieġa li titwettaq verifika ta' dawn id-

djun; titlob li tiġi ffriżata l-proprjetà tal-mexxejja korrotti u li din tiġi rritornata lill-iskakkiera pubbliċi tal-pajjiżi kkonċernati;

5. Titlob biex il-kooperazzjoni mas-soċjetajiet ċivili tingħata iktar attenzjoni, peress li dawn kienu l-mutur prinċipali wara r-rewwixiti fir-reġjun kollu; titlob ukoll li jsir kull sforz possibbli biex jiġi żgurat li l-għajjnuna mill-Unjoni Ewropea u mill-komunità internazzjonali fil-fatt tasal għandhom;
6. Jiddispijaċiha għar-rabja selettiva tal-komunità internazzjonali b'rispons għall-vjolenza fil-Jemen, is-Sirja u, b'mod speċjali, il-Baħrejn, fejn it-truppi tal-forza konġunta tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf (GCC) ġew mill-Arabja Sawdija biex iwaqqfu l-protesti;
7. Tistieden lill-awtoritajiet biex iwaqqfu l-użu tal-vjolenza kontra d-dimostranti, jirrispettaw il-libertà ta' assemblea u ta' espressjoni tagħhom, u jiggarrantixxu s-sigurtà tagħhom; titlob inkjesti indipendenti fl-avvenimenti li wasslu biex dimostranti paċifiċi inqatlu, indarbu u ġew arrestati f'dawn il-pajjiżi u biex daww responsabbli jittressqu quddiem il-ġustizzja; titlob li jinħelsu minnufih u mingħajr kundizzjonijiet il-persuni kollha arrestati matul id-dimostrazzjonijiet kif ukoll il-priġunieri politiċi, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-ġurnalisti kollha;
8. Hija tal-fehma li koperazzjoni subreġjonali iktar mill-qrib bejn l-Istati Membri tal-UE, l-Unjoni Afrikana (UA) u l-pajjiżi koperti mill-ENP li għandhom l-istess interessi, valuri u problemi tista' twassal għal dinamika għar-reġjun kollu tal-Mediterran;
9. Tikkundanna l-bejgħ tal-armi u l-flus mogħtija għall-benefiċċju tal-interessi ekonomiċi u strateġiċi, u r-relazzjonijiet amikevoli li xi pajjiżi tal-UE u tal-AKP żammew mad-dittaturi għal diversi snin; tilqa' l-awtodeterminazzjoni ta' dawn il-popli u tikkundanna l-vjolenza li jġarrbu;
10. Tistieden lill-Unjoni Ewropea biex twettaq evalwazzjoni dettaljata u riforma kemm tal-politika diplomatika tagħha kif ukoll tan-natura tar-relazzjonijiet politiċi, kummerċjali u ta' koperazzjoni mal-pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq u tal-Lvant Nofsani;
11. Flimkien mal-Parlament pan-Afrikani, tistieden lill-istati membri kollha tal-Unjoni Afrikana biex jirratifikaw il-Karta tal-Unjoni Afrikana dwar id-Demokrazija, l-Elezzjonijiet u l-Governanza;
12. Tfakkar li kwalunkwe intervent armat għandu jsir bl-uniku skop li jiġu protetti n-nies ċivili u għandu jkun imparzjali, u li daww li jibdedu dan l-intervent taħt l-ebda ċirkostanza ma jistgħu jassumu d-dritt li jiddeterminaw min jista' jiggverna u min għandu jiġi eskluż;
13. Thegħeġ lill-Unjoni Afrikana, lil-Lega Għarbija u lill-Unjoni Ewropea biex iqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi finanzjarji u umani kollha meħtieġa biex jappoġġjaw operazzjoni umanitarja internazzjonali soda fil-pajjiżi kkonċernati, biex jgħinu lill-UNHCR u aġenziji umanitarji rilevanti oħra biex jipprovdu l-protezzjoni u l-assistenza ta' emerġenza lil daww kollha li jeħtiġuhom;

14. Ittenu l-importanza li jiġu rrispettati u aċċettati l-għażla tal-poplu u r-riżultati tal-elezzjonijiet, irrelevanti minn min jirbaħ, sakemm l-elezzjonijiet ikunu demokratiċi, liberi, ġusti u trasparenti;
15. Tilqa' b'sodisfazzjon il-proġess li sar mill-Kunsill tal-Paċi u s-Sigurtà tal-Unjoni Afrikana u mill-awtoritajiet Tuneżini u Eġizzjani, u tħeġġeġ it-tkomplija tal-isforzi biex jitwaqqaf proċess ta' stabilizzazzjoni demokratika u biex jiġu garantiti l-libertà, id-drittijiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem, il-paċi u l-ġustizzja;
16. Tistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-pajjiżi kkonċernati biex ikomplu bl-isforzi tagħhom, filwaqt li jiżguraw li strateġija komuni, inklużi riżorsi finanzjarji, umani u tekniċi adegwati, tkun implimentata biex tiggarrantixxi li l-UE tkun tista' tirreaġixxi adegwament fil-każ ta' kwalunkwe ċaqliq migratorju tal-massa, skont l-Artikolu 80 tat-TFUE;
17. Jitlob konformità stretta mar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1973(2011), maħsuba biex tippoteġi l-popolazzjoni ċivili;
18. Tħeġġeġ lill-mexxejja kkonċernati biex juru li qed irażżnu l-użu tal-forza u biex jidħlu f'diskussjonijiet maħsuba għal eżitu pożittiv għall-kriżi, u tikkundanna kwalunkwe telf kollaterali tal-ħajja umana;
19. Tinsisti li l-Unjoni Afrikana għandha tkun involuta fit-tiftix ta' soluzzjonijiet li huma aċċettabbli għall-partijiet kollha;
20. Tistieden lin-Nazzjonijiet Uniti, lill-Unjoni Afrikana, lill-Unjoni Ewropea, lil-Lega Għarbija u lill-koalizzjoni biex jorganizzaw diskussjoni madwar mejda tonda biex jinstab mod kif noħorġu mill-kriżi, li jġib miegħu paċi dejjiema u l-istabbiliment ta' demokrazija fil-Libja;
21. Tagħti istruzzjonijiet lill-kopresidenti tagħha biex jibagħtu din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill tal-Ministri tal-AKP-UE, lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarjiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri tal-UE, lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Afrikana, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-President tal-Parlament pan-Afrikan, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-pajjiżi tal-Lvant Nofsani u tal-pajjiżi koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat u lis-Segretarju Ġenerali tal-Unjoni għall-Mediterran.

Dikjarazzjoni ta' Budapest

dwar ir-Raba' Forum ta' Livell Għoli dwar l-Effikaċja tal-Għajjnuna fi Busan, il-Korea t'Isfel, 2011.

Il-21 Sessjoni tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE, li ltaqgħet f' Budapest (l-Ungerija) bejn is-16 u t-18 ta' Mejju 2011:

- A. billi l-effikaċja tal-għajjnuna tfisser it-titjib tal-ħajjiet, it-tnaqqis tal-faqar u l-ilħuq tal-MDGs,
- B. billi r-Raba' Forum ta' Livell Għoli (HLF-4) dwar l-Effikaċja tal-Għajjnuna, li għandu jsir fi Busan, il-Korea t'Isfel, bejn id-29 ta' Novembru u l-1 ta' Diċembru 2011, se jikkonkludi l-proċess, immexxi mid-DAC tal-OECD, dwar l-effikaċja tal-għajjnuna, li tnieda mid-Dikjarazzjoni ta' Pariġi fl-2005 (DP) u ġie segwit mill-Aġenda ta' Accra għall-Azzjoni tal-2008 (AAA),
- C. billi l-HLF-4 se jippjana wkoll id-direzzjonijiet futuri għal għajjnuna għall-iżvilupp iktar effikaċi u se jikkontribwixxi biex titwaqqaf struttura tal-għajjnuna internazzjonali ġdida sal-iskadenza tal-MDG fl-2015 u lil hinn minnha,
- D. billi l-UE u l-Istati Membri tagħha jipprovdu iktar minn nofs l-Għajjnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) fid-dinja u, għaldaqstant, jikkostitwixxu attur sinifikanti fl-aġenda tal-effikaċja tal-għajjnuna,
- E. billi l-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jorbot lill-UE biex tistinka għall-koerenza politika b'rabta mal-iżvilupp,
- F. billi t-Tieni Reviżjoni tal-Ftehma ta' Cotonou, iffirmata f'Ouagadougou, f'Burkina Faso, fit-23 ta' Ġunju 2010, taqbel mal-aġenda dwar l-effikaċja tal-għajjnuna (Preambolu, paragrafu 12a u Parti 1, Artikolu 2) kif imniżżla fid-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar l-Effikaċja tal-Għajjnuna u l-AAA; billi l-oġettiv ewlieni tal-Ftehma ta' Cotonou huwa t-tnaqqis u, eventwalment, l-eliminazzjoni tal-faqar,
- G. billi sar titjib sostanzjali fir-rigward tal-effikaċja tal-għajjnuna, iżda billi għad fadal ħafna x'isir; billi t-tkomplija tal-aġenda dwar l-effikaċja tal-għajjnuna hija indispensabbli biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-impenji eżistenti, b'mod partikolari fid-dawl tal-kriżi finanzjarja, u biex jiġu żgurati d-dimensjonijiet differenti u ġodda tal-effikaċja tal-għajjnuna u tal-iżvilupp,
- 1. Tenfasizza li l-HLF-4 għandu jmur lil hinn minn sempliċi eżerċizzju ta' elenkar ta' x'għandu jsir u għandu jsarraf il-wegħdiet tiegħu f'kisbiet tanġibbli li jirrigwardaw l-implimentazzjoni tal-aġenda dwar l-effikaċja tal-għajjnuna, u tistenna li l-UE u l-pajjiżi tal-AKP ikollhom rwol deċiżiv biex jinkiseb dan kollu;

2. Tfakkar l-importanza tal-koerenza politika għall-iżvilupp u tal-promozzjoni attiva tal-valuri komuni bħad-drittijiet tal-bniedem, il-ġustizzja soċjali, il-għieda kontra l-korruzzjoni, l-obbligu ta' rendikont u l-ugwaljanza bejn is-sessi fi ħdan l-aġenda dwar l-effikaċja tal-għajnuna;

I. Prevedibilità tal-għajnuna

3. Tistieden lid-donaturi biex jieħdu azzjoni immedjata dwar l-impenji tad-DP u l-AAA li qed jiġu mxekkla biss mir-rieda politika u l-burokrazija, eż. il-ħelsien tal-għajnuna mill-irbit, il-prevedibilità tal-għajnuna, il-kundizzjonalità u t-trasparenza;
4. Tistieden lill-pajjiżi donaturi biex iżommu l-impenn tagħhom li jipprovdu 0.7 % tal-PDG/ING għall-għajnuna għall-iżvilupp u li jagħmlu d-definizzjoni tal-ODA iktar stretta;
5. Titlob lid-donaturi biex iżidu l-prevedibilità tal-għajnuna permezz ta' skedi ta' żmien multiannwali affidabbli tal-flussi finanzjarji tagħhom u ta' ftehimiet ta' żvilupp fuq perjodu twil mal-pajjiżi sħab, fuq il-bażi tar-responsabilità reċiproka għall-iżvilupp;
6. Tfakkar il-ħtieġa, sabiex jintlaħqu l-MDGs, li jintużaw metodi innovattivi ta' finanzjament, bħall-impożizzjoni ta' taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji,
7. Tistieden lid-donaturi biex jikkoordinaw u jarmonizzaw aħjar l-azzjonijiet tagħhom u biex jissemplifikaw il-proċeduri tagħhom;

II. Allinjament tal-għajnuna, użu tas-sistemi tal-pajjiżi u sjieda tal-pajjiżi

8. Tirrikonoxxi l-importanza tal-allinjament tal-għajnuna u l-użu tas-sistemi tal-pajjiżi għad-distribuzzjoni tal-għajnuna għall-iżvilupp u għall-bini tal-kapaċità tal-pajjiżi sħab, il-promozzjoni tas-sjieda, iż-żieda fit-trasparenza u r-responsabilità reċiproka u l-faċilitazzjoni tal-iskrutinju parlamentari tal-pajjiżi sħab;
9. Tistieden lill-pajjiżi sħab biex jimplementaw qafas legali għall-inkorporazzjoni tal-għajnuna fil-baġit nazzjonali, sabiex ikunu permessi l-iskrutinju parlamentari tal-infiq tal-għajnuna u ż-żieda fl-obbligu ta' rendikont;
10. Tistieden lid-donaturi jżidu l-proporzjon tal-għajnuna programmabbli tal-pajjiżi biex jiġu żviluppanti l-kapaċità u s-sjieda tal-pajjiżi;
11. Tenfasizza li l-appoġġ baġitarju huwa wieħed mill-aqwa modi kif tiżdied l-effikaċja tal-għajnuna, iżda dan għandu jkun ibbażat fuq pjanijiet nazzjonali għall-finanzjament tal-iżvilupp u għat-tnaqqis tal-faqar; tħeġġeġ lill-Kummissjoni biex iżżomm l-approċċ dinamiku tagħha fir-rigward tal-kriterji tal-eliġibilità u biex tippromwovi mira kollettiva tal-UE għall-appoġġ baġitarju;
12. Tistieden lid-donaturi u lill-pajjiżi sħab biex jimplementaw malajr l-azzjonijiet ta' trasparenza għall-għajnuna fil-livell tal-pajjiżi, ladarba ma jistax ikun hemm sjieda mingħajr għarfien;

13. Hija tal-fehma li t-tassazzjoni tiggarrantixxi sors finanzjarju indipendenti għall-iżvilupp sostenibbli u tikkostitwixxi rabta importanti bejn il-gvernijiet u ċ-ċittadini tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw; titlob l-introduzzjoni ta' forma vijabbli ta' amministrazzjoni fiskali bbażata fuq il-kapaċità tal-kontribwenti li jħallsu; jirakkomanda li l-ġlieda kontra r-rifuġji fiskali –li huma differenti minn ġurisdizzjonijiet b'rata tat-taxxa baxxa –, l-evazzjoni tat-taxxa jew t-trasferiment illegali tal-kapital, għandha tiġi intensifikata, u r-riżorsi naturali għandhom ikunu ġestiti b'mod trasparenti;

III. L-irwol tal-Parlamenti

14. Tenfasizza l-irwol ewlieni li għandu jkollhom il-parlamenti nazzjonali, ladarba huma jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jidentifikaw is-setturi ta' prijorità, jikkontrollaw id-Dokumenti ta' Strateġija tal-Pajjiżi u jivverifikaw l-approprijazzjonijiet baġitarji; titlob lill-parlamenti nazzjonali biex jadottaw id-Dokumenti ta' Strateġija tal-Pajjiżi u l-baġit annwali wara li jikkonsultaw lis-soċjetà ċivili qabel id-djaolgu politiku mal-pajjiżi donaturi, biex il-kontroll demokratiku jingħata l-poter sħiħ;
15. Thegħgeġ lill-parlamenti biex jiżguraw li jkun hemm kontrolli u bilanċi permezz tal-iskrutinju tal-baġits, il-politiki u l-eżiti tagħhom u billi jinvolvu liċ-ċittadini fil-proċess tat-teħid tad-deċizzjonijiet permezz tal-proċess demokratiku;
16. Tfakkar li l-parlamenti fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw m'għandhomx il-kapaċitajiet bażiċi biex jeżerċitaw l-irwol tagħhom bis-sħiħ; tistieden lid-donaturi, għaldaqstant, biex jipprovdu għajjnuna għall-bini u l-iżvilupp tal-kapaċità fil-livelli nazzjonali u reġjonali;
17. Tipproponi li l-kapaċità parlamentari tiġi adottata bħala indikatur tal-effikaċja tal-għajjnuna u tal-iżvilupp, u li din il-kapaċità biż-żmien tissarraff fil-konsapevolezza li hija tikkontribwixxi għal tmexxija finanzjarja tajba, stabbiltà politika sostenibbli u suċċess ekonomiku;
18. Tfakkar li s-sjieda għandha tippermetti lill-pajjiżi sħab jiddefinixxu l-prijoritajiet politiċi tagħhom stess;

IV. Impenn tal-atturi mhux statali u tal-awtoritajiet lokali

19. Tistieden lill-UE u lill-pajjiżi sħab biex il-proċess tad-djalogu strutturat għall-impenn tal-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili (CSO) u l-awtorità lokali jsir iktar dettaljat u mifruż, sabiex jiġi żgurat li dawn l-entitajiet jipparteċipaw bis-sħiħ u b'mod sinifikanti fl-ippjanar, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-baġits u l-programmi;
20. Tenfasizza li l-approċċ territorjali u l-governanza mifruxa fuq diversi livelli huma elementi ewlenin fl-istrateġiji għall-iżvilupp iktar effikaċi; tistieden, għaldaqstant, lill-UE u lill-pajjiżi sħab biex jikkunsidraw aħjar it-territorji bħala sfera ta' azzjoni pubblika;
21. Tistieden lid-donaturi u lill-pajjiżi sħab biex jevalwaw kompletament u jżidu l-impenni ta' Pariġi u ta' Accra permezz ta' riformi bbażati fuq is-sjieda demokratika u l-appoġġ għas-CSOs u l-awtoritajiet lokali;

22. Tenfasizza wkoll l-irwol tas-sistemi legali indipendenti u tal-midja ħielsa fit-trawwim tal-governanza tajba u r-responsabilità;

V. Sħubijiet ta' żvilupp ġodda

23. Tirrikonoxxi li 72 % tal-ifqar persuni tad-dinja jgħixu f'pajjiżi bi dħul medju (MICs)¹; tirrikonoxxi li l-MICs jeħtieġu forma differenti ta' sħubija ta' żvilupp li tiffoka iktar fuq it-tkabbir inklużiv, id-diversifikazzjoni ekonomika, id-distribuzzjoni mill-ġdid tal-ġid u l-promozzjoni tal-effikaċja tal-iżvilupp permezz tal-koperazzjoni Nofsinhar-Nofsinhar u t-tagħlim tal-pari u l-kondiviżjoni tal-esperjenza fl-iżvilupp;
24. Tfakkar il-bżonn ta' għajjnuna adattata għall-ispeċifitàjiet u l-ħtiġijiet tal-istati fraġli, il-pajjiżi bi dħul iktar baxx li għadhom kemm haġġu minn kunflitt u l-istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw (SIDs), u ta' sforzi msaħħa għall-koperazzjoni mal-ifqar pajjiżi;
25. Titlob l-għajjnuna maħsuba għall-ifqar persuni u mhux biss għall-ifqar pajjiżi;
26. Tenfasizza li l-għajjnuna għandha titqies bħala mutur għall-iżvilupp, u mhux bħala mezz biex dan jinkiseb; tirrikonoxxi li l-iskop aħħari tal-għajjnuna huwa li naslu fi stat fejn l-għajjnuna ma tkunx iktar meħtieġa;

VI. Tqassim tax-xogħol

27. Tistieden lill-UE biex tassumi rwol ewlieni fit-tqassim tax-xogħol (DoL) fil-kuntest tal-HLF-4 u biex iżżid l-isforzi tagħha biex jiżdiedu l-koordinazzjoni tad-donaturi u d-DoL, u biex tiegħu miżuri favur is-sjeda demokratika, it-teħid tar-responsabilità u kwalità ta' għajjnuna aħjar;
28. Tenfasizza l-ħtieġa li tinstab soluzzjoni għall-problemi tal-hekk imsejħa pajjiżi "favoriti" u "orfni" u għan-negliġenza fir-rigward ta' setturi kruċjali bħas-saħħa, l-edukazzjoni, il-koeżjoni soċjali u l-ugwaljanza bejn is-sessi;
29. Tilqa' b'sodisfazzjon l-adozzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE dwar it-Tqassim tax-Xogħol fil-Politika dwar l-Iżvilupp mill-Kunsill għall-Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Esterni fil-15 ta' Mejju 2007 u tindika li minħabba li l-UE naqset milli timplimenta għalkollox il-prinċipji li jinsabu fil-Kodiċi ta' Kondotta dwar it-Tqassim tax-Xogħol, hija tilfet l-oportunità li tiffirka sa EUR 6 biljun²;
30. Titlob lill-UE biex tirrevedi l-politiki tagħha dwar id-DoL biex jiġi żgurat li l-kwistjonijiet trasversali u mhux speċifiċi għas-settur, bħad-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn is-sessi, ma jiġux injorati;

¹ Sumner, A. (2011) "The New Bottom Billion: What If Most of the World's Poor Live in Middle-Income Countries?", Center for Global Development, CGD Brief March 2011, [Onlajn] Disponibbli fuq is-sit: www.cgdev.org fejn sar aċċess għalih fis-7 ta' April 2011.

² Kummissjoni Ewropea (2009) Aid Effectiveness Aġenda: Benefits of a European Approach (L-Aġenda dwar l-Effikaċja tal-Għajjnuna: Il-Benefiċċji ta' Approċċ Ewropew, Studju mħejji mill-HTSPE għall-KE.

VII. Is-settur privat bħala attur tal-iżvilupp

31. Tirrikonoxxi l-involviment dejjem jikber tal-partijiet interessati tas-settur privat fis-sħubijiet tal-iżvilupp; tirrikonoxxi l-benefiċċji li l-għajjnuna għall-iżvilupp tas-settur privat tiġi inkorporata fil-ftehimiet dwar l-effikaċja tal-għajjnuna, iżda wkoll il-ħtieġa li jiġi ċċarat liema rwoli jista' u għandu jkollu s-settur privat, u li jintrabtu mal-kisba tal-MDGs u mal-iżvilupp sostenibbli, kif ukoll mar-responsabilità primarja tas-settur pubbliku; tenfasizza l-importanza li wieħed ma jerġax imur lura għall-għajjnuna marbuta f'dan il-kuntest;
32. Tenfasizza l-importanza tat-trasparenza u l-evalwazzjoni tal-impatt tal-atturi tal-iżvilupp fis-settur privat fuq l-eżiti tal-iżvilupp;
33. Tistieden lid-donaturi biex jużaw l-għajjnuna biex jingħata impetu lill-iżvilupp tas-settur privat nazzjonali, jitjiebu l-istituzzjonijiet regolatorji nazzjonali għas-settur privat u jiġi promoss l-iżvilupp tas-settur privat li jinkorpora l-ifqar popolazzjonijiet u jikkontribwixxi għall-oġettivi tal-iżvilupp;

VIII. Lil hinn minn Busan

34. Tenfasizza l-importanza li jinżamm l-impetu tal-effikaċja tal-għajjnuna u tal-iżvilupp lil hinn minn Busan;
35. Tirrakkomanda li jibqgħu jiġu ssorveljati u evalwati l-implimentazzjoni tal-impenji tad-PD u l-AAA u l-progress lejhom; tirrakkomanda li l-istħarriġ li jmiss jitwettaq b'tali mod li jkun jaħbat mal-iskadenza tal-MDGs sabiex jikkomplementa r-reviżjonijiet globali tal-progress tal-iżvilupp f'dak iż-żmien;
36. Tenfasizza l-importanza li l-effikaċja tal-għajjnuna tiġi integrata f'qafas tal-effiċjenza tal-iżvilupp li jagħti prijorità lill-eżiti ġenerali tal-iżvilupp u li jinkludi l-koerenza politika għall-iżvilupp u l-involviment tal-Komunitajiet Ekonomiċi Reġjonali (RECs) sabiex jiġu kkunsidrati aħjar id-dimensjonijiet reġjonali tal-effikaċja tal-għajjnuna u tal-iżvilupp;
37. Titlob li jitnieda "Patt għal Busan" inklużiv fl-HLF-4, li jiġbor flimkien l-impenji speċifiċi marbutin bi skadenza u li jniedi riformi fundamentali fil-governanza globali tal-koperazzjoni tal-iżvilupp;
38. Tinnota l-emerġenza ta' atturi ta' żvilupp ġodda, inklużi l-pajjiżi individwali li l-approċċ tagħhom mhuwiex irregolat mill-istandards Ewropej ta' koperazzjoni, u titlob approċċ politiku u inklużiv lejn dawn il-pajjiżi biex ikun hemm dinamika ġenerali trasparenti li tkopri mill-iżvilupp sal-koperazzjoni.

Dikjarazzjoni

Ningħaqdu għall-Aċċess Universali fid-dawl tal-Laqqgħa ta' Livell Għoli dwar l-AIDS f'Ġunju tal-2011

Wara li kkunsidrat il-Laqqgħa ta' Livell Għoli tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-AIDS, fi New York, mit-8 sal-10 ta' Ġunju, l-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE, li ltaqgħet f'Budapest (l-Ungerija) bejn is-16 u t-18 ta' Mejju 2011:

1. **Tfakkar li l-mira taż-żieda gradwali lejn l-aċċess universali, u ż-żamma tiegħu, għall-prevenzjoni, it-trattament, il-kura u l-appoġġ għall-HIV/AIDS hija stabbilita bħala prijorità ta' żvilupp ewlenija fl-Artikolu 31a tal-Ftehma ta' Cotonou riveduta;**
2. Tenfasizza li, tletin sena minn meta faqqgħet l-epidemija tal-AIDS, ir-rispons għall-AIDS wera l-valur tiegħu bħala investment importanti li ħalla l-frott għall-HIV, kif ukoll għal miri ikbar fir-rigward tas-saħħa, l-iżvilupp u d-drittijiet tal-bniedem, u matul l-aħħar 10 snin ir-rata ta' infezzjonijiet ġodda tal-HIV naqset f'ħafna pajjiżi, in-numru ta' persuni li jieħdu trattament antiretrovirali żdied u anki l-kopertura tas-servizzi biex jiġi evitat li l-marda tiġi trażmessa mill-omm għat-tarbija. Il-qlich xorta huwa insuffiċjenti u batut;
3. Għaldaqstant, tistieden lill-gvernijiet tal-AKP u tal-UE biex iżidu l-isforzi fil-koperazzjoni tagħhom biex jappoġġjaw lill-Istati tal-AKP fiż-żieda gradwali lejn l-aċċess universali, u ż-żamma tiegħu, għall-prevenzjoni, it-trattament, il-kura u l-appoġġ għall-HIV bħala kundizzjoni ewlenija biex jiġu ssodisfati l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (MDGs) sal-2015;
4. Tistieden lill-partijiet tal-AKP u tal-UE – lill-gvernijiet tal-Istati tal-AKP u lill-Istati Membri tal-UE kif ukoll lill-Kummissjoni Ewropea u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna – biex ikunu rrappreżentati fil-Laqqgħa tal-Ogħla Livell tal-2011 dwar l-AIDS, biex jappoġġjaw ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU u jadottaw il-proposta tiegħu tas-sitt miri globali għall-2015;
5. Tistieden lill-UE biex iżżomm l-irwol deċiżiv tagħha fir-rispons għall-AIDS, b'mod partikolari billi tibda proċess wiesa' ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati kollha, inklużi l-Istati Membri tal-UE, il-Membri Parlamentari u s-soċjetà ċivili, għat-tħejjija ta' Programm Ewropew għal Azzjoni biex ikunu Affrontati HIV/AIDS, il-Malarja u t-Tuberkulożi, li jkun ġeografikament komprensiv, permezz tal-Azzjoni Esterna għall-2012 u lil hinn minnha;
6. Tistieden lill-gvernijiet tal-AKP u tal-UE biex jipromwovu l-inklużjoni ta' strateġiji kontra l-istigma fil-programmi nazzjonali tal-AIDS, anki permezz tat-tisħiħ tas-sistemi komunitarji; **ineħħu l-liġijiet punittivi, il-politiki, il-prattiki, l-istigma u d-diskriminazzjoni li jdgħajfu d-drittijiet tal-bniedem u jżidu l-vulnerabilità għall-HIV/AIDS; jimpenjaw ruħhom li jipprovdu kura u servizzi ta' appoġġ komprensivi**

għall-adulti u t-tfal li għandhom l-HIV jew li huma affettwati minnu, inklużi persuni li joffru kura;

7. Tistieden lill-gvernijiet tal-UE u tal-AKP biex jirdupjaw l-allokkazzjonijiet għall-prevenzjoni tal-HIV, u jikkonċentraw l-investimenti tal-prevenzjoni fuq programmi ta' prevenzjoni integrati u bbażati fuq l-evidenza maħsuba għall-popolazzjonijiet li jinsabu l-iktar f'riskju u li huma l-iktar vulnerabbli, bħala wieħed mill-iktar interventi kosteffikaċi, kif ukoll biex iżidu l-investment fir-riċerka;
8. Tenfasizza li l-kura hija investment importanti li jnaqqas it-trażmissjoni tal-HIV, it-tuberkulożi u l-imwiet tal-ommijiet u t-tfal. **Għaldaqstant, tistieden lill-gvernijiet tal-AKP u tal-UE biex jappoġġjaw l-innovazzjoni fl-aċċess għall-kura, ineħħu l-ostakoli legali u jiżguraw l-aċċess universali u affidabbli għal mediċini sikuri, ta' kwalità għolja u li jkunu iktar għall-but ta' kulħadd, jibnu l-kapaċità tas-sistemi tas-saħħa u komunitarji biex jiġu pprovduti u appoġġjati s-servizzi tal-kura integrati, u jindirizzaw b'mod koerenti l-koinfezzjonijiet mill-HIV u t-tuberkulożi;**
9. Tistieden lill-gvernijiet tal-UE u tal-AKP biex jippromwovu l-integrazzjoni tas-servizzi relatati mal-HIV u mas-saħħa riproduttiva, materna u tat-trabi tat-twelid bħala miżura ewlenija biex jintlaħqu l-MDGs sal-2015, b'mod partikolari permezz tal-Inizjattiva dwar l-MDGs tal-UE. F'dan ir-rigward, għandha tingħata attenzjoni partikolari għat-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa u komunitarji biex tiġi promossa l-integrazzjoni effikaċi tal-programmi relatati mal-HIV u mas-saħħa sesswali u riproduttiva u biex il-programmi jingħaqdu flimkien biex tissaħħaħ il-koerenza tal-eżiti fl-MDGs kollha relatati mas-saħħa;
10. Tistieden lill-gvernijiet tal-AKP u tal-UE biex jissodisfaw l-impenji fir-rigward tal-kondiviżjoni ġusta tal-piż biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' investment għas-saħħa inġenerali u r-rispons globali għall-AIDS b'mod partikolari, li permezz tagħhom l-Istati Membri tal-UE jwettqu l-impenji tagħhom fir-rigward tal-finanzjament prevedibbli fuq perjodu twil, filwaqt li l-investment nazzjonali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw jiżdied gradwalment b'mod sinifikanti biex jippermetti l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' Abuja li titlob li 15 % tal-baġit nazzjonali jmur għas-saħħa, il-poteri emerġenti jitħeġġu jagħmlu l-parti tagħhom u l-mekkaniżmi innovattivi ta' finanzjament jiġu rinfurzati.

ASSEMBLEA PARLAMENTARI KONĠUNTA AKP- UE

REGOLI TA' PROĊEDURA

*(adottati fit-3 ta' April 2003 u riveduti fil-25 ta' Novembru 2004,
fit-23 ta' Novembru 2006, fit-28 ta' Ġunju 2007, fit-28 ta' Novembru 2008 u fit-18 ta' Meju 2011)*

Nota lill-qarrej:

Din il-pubblikazzjoni hija verżjoni konsolidata tar-Regoli ta' Proċedura tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE adottati fit-3 ta' April 2003 u riveduti fil-25 ta' Novembru 2004, fit-23 ta' Novembru 2006, fit-28 ta' Ġunju 2007, fit-28 ta' Novembru 2008 u fit-18 ta' Mejju 2011.

Dan huwa test prodott għal skopijiet dokumentarji li għalih l-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE ma tistax tinżamm responsabbli.

Artikolu 1	68
Assemblea Parlamentari Konġunta	68
Artikolu 2	68
Bureau.....	68
Artikolu 3	69
Attendenza ta' istituzzjonijiet oħra	69
Artikolu 4	69
Osservaturi.....	69
Artikolu 5	70
Sessjonijiet tal-Assemblea	70
Artikolu 6	70
Laqgħat reġjonali tal-Assemblea.....	70
Artikolu 7	71
Aġenda.....	71
Artikolu 8	71
Kworum	71
Artikolu 9	72
Presidenza tas-seduti	72
Artikolu 10	72
Tqassim tal-postijiet	72
Artikolu 11	72
Lingwi uffiċjali	72
Artikolu 12	73
Publikazzjoni tad-Diskussjonijiet.....	73
Artikolu 13	73
Minuti	73
Artikolu 15	73
Dritt għal kelma	73
Artikolu 16	74
Dritt għal vot u metodi ta' votazzjoni.....	74
Artikolu 17	74
Spjegazzjoni tal-votazzjoni.....	74
Artikolu 18	75
Riżoluzzjonijiet tal-Assemblea	75
Artikolu 19	75
Emendi.....	75

Artikolu 20	75
Mistoqsijiet li jitolbu risposta bil-miktub	75
Artikolu 21	76
Mistoqsijiet li jitolbu tweġiba orali	76
Artikolu 22	77
Rapport dwar l-attivitajiet tal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE	77
Artikolu 23	77
Kontroll tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija.....	77
Artikolu 24	77
Talbiet tal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE għal opinjoni	77
Artikolu 25	77
Kumitati Permanenti.....	77
Artikolu 26	78
Kumitati ta' Segwitu Temporanji	78
Artikolu 27	78
Workshops	78
Artikolu 28	78
Missjonijiet u Delegazzjonijiet	78
Artikolu 29	79
Konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili	79
Artikolu 30	79
President Onorarju.....	79
Artikolu 31	79
Segretarjat	79
Artikolu 32	79
Regolament Finanzjarju.....	79
Artikolu 33	79
Interpretazzjoni tar-Regoli ta' Proċedura.....	79
Artikolu 34	79
Punti ta' ordni	79
Artikolu 35	80
Emendi għar-Regoli ta' Proċedura	80
ANNEX I Setgħat, responsabbiltajiet, sħubija u proċeduri tal-kumitati permanenti.....	81
ANNEX II It-tul tat-testi	84

REGOLI TA' PROĊEDURA TAL-ASSEMBLEA PARLAMENTARI KONĠUNTA

11.

Artikolu 1

Assemblea Parlamentari Konġunta

1. L-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE (*minn issa 'l quddiem 'l-Assemblea'*) hija mwaqqfa skont l-Artikolu 17 tal-Ftehim ta' Sħubija bejn min-naħa l-waħda, il-Membri tal-Grupp ta' Stati tal-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku, u min-naħa l-oħra, *l-Unjoni* Ewropea u l-Istati Membri tagħha.

2. L-Assemblea Parlamentari Konġunta għandha tkun komposta minn żewġ ikmamar *bl-istess numru ta' rappreżentanti tal-UE u tal-AKP. Il-Membri tal-Assemblea għandhom ikunu, min-naħa l-waħda, Membri tal-Parlament Ewropew u, min-naħa l-oħra, Membri Parlamentari jew, fin-nuqqas ta' dan, f'każijiet eċċezzjonali bħal force majeure, li għaliha trid tingħata notifika bil-miktub minn qabel lill-Bureau tal-Assemblea kif imsemmi fl-Artikolu 2 (minn hawn 'il quddiem 'il-Bureau'), rappreżentanti maħtura mill-Parlament ta' kull Stat AKP. Fin-nuqqas ta' Parlament, l-attendenza mingħajr dritt għal vot ta' rappreżentant mill-Istat AKP ikkonċernat, għandha tkun suġġetta għal approvazzjoni minn qabel tal-Assemblea.*

3. Il-kredenzjali tal-Membri tal-Assemblea għandhom ikunu stabbiliti permezz ta' ittra tal-ħatra mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati rispettivi għar-rappreżentanti AKP u mill-president tal-Parlament Ewropew għar-rappreżentanti tiegħu.

Artikolu 2

Bureau

1. ***Kull kamra għandha teleġġi l-Membri tagħha għall-Bureau skont il-prattika tagħha.***

2. Il-Bureau għandu jkun magħmul minn żewġ Ko-Presidenti bl-istess status u 24 Viċi-President. Nofs il-Membri tal-Bureau għandhom jiġu nominati mir-rappreżentanti tal-Istati AKP u n-nofs l-ieħor mir-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew, skont proċedura stabbilita minn kull waħda miż-żewġ ikmamar.

3. Il-Bureau għandu jħejji x-xogħol tal-Assemblea, isegwi l-attivitajiet u r-riżoluzzjonijiet tal-Assemblea u jstabbilixxi l-kuntatti kollha meħtieġa mal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE u mal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE.

4. Il-Bureau għandu jkun responsabbli għall-koordinazzjoni tal-ħidma tal-Assemblea.

5. Il-Bureau għandu jiltaqa', fuq inizjattiva tal-Ko-Presidenti tiegħu, ***tal-anqas erba' darbiet fis-sena; żewġ laqgħat minnhom għandhom isiru fil-ġranet ta' qabel*** is-sessjonijiet tal-Assemblea.

6. Il-Bureau għandu jissottometti lill-Assemblea l-aġenda proposta għad-dibattiti. Huwa għandu r-responsabbiltà li jiżgura li, sa fejn hu possibbli, nofs il-punti mniżżla fuq l-aġenda jikkonċernaw kwistjonijiet ta' interess komuni.

Huwa jista' jipproponi limitazzjoni fuq il-ħin tad-diskors għad-dibattiti.

7. Il-Bureau għandu jkun responsabbli għal fi kwistjonijiet relatati mal-kompożizzjoni u r-responsabbiltajiet tal-kumitati permanenti imsemmijin fl-Artikolu 25 ('il-kumitati permanenti').

8. Il-Bureau għandu jkun responsabbli li jawtorizza lill-kumitati permanenti jfasslu rapporti u mozzjonijiet ta' riżoluzzjoni.

9. Il-Bureau jista' wkoll jgħaddi kwistjonijiet għall-kunsiderazzjoni tal-kumitati permanenti, li wara jistgħu jitolbu awtorizzazzjoni għat-tfassil ta' rapport dwar tema partikolari.

10. Il-Bureau għandu jkun responsabbli għall-kontroll tas-segwitu tar-riżoluzzjonijiet u tad-deċiżjonijiet tal-Assemblea. Fil-każ ta' riżoluzzjonijiet imressqa minn kumitat permanenti, hu jista' jiddelega r-responsabbiltà tal-kontroll tas-segwitu lill-President u lir-rapporteur tal-kumitat permanenti kkonċernat.

11. Il-laqgħat tal-Bureau m'għandhomx ikunu pubbliċi. ***Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill tal-Ministri AKP u l-Kummissjoni Ewropea jistgħu jiġu mistiedna jattendu għal dak li għandu x'jaqsam ma' punti li jikkonċernaw l-oqsma ta' responsabbiltà rispettivi tagħhom.***

12. Il-Bureau għandu jaddotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess.

12.

Artikolu 3

Attendenza ta' istituzzjonijiet oħra

1. Il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE, ***kif stipulat fl-Artikolu 15 tal-Ftehim ta' Sħubija***, għandu ***jiġi mistieden jirrapporta*** lill-Assemblea ***tal-anqas darba fis-sena***.

2. Il-Kunsill tal-Ministri AKP u l-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP, kif ukoll il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea jistgħu, fuq stedina tal-Bureau, jattendu sessjonijiet tal-Assemblea.

Artikolu 4

Osservaturi

1. Fil-każ tal-adeżjoni ta' Stat Membru ġdid mal-Ftehim ta' Sħubija u sakemm isseħħ ir-ratifika tal-Ftehim ta' Sħubija minn dak l-Istat, rappreżentant minn dan l-Istat jista' jattendi sessjonijiet tal-Assemblea bħala osservatur. L-Istati li huma Membri tal-Grupp AKP jistgħu jattendu sessjonijiet tal-Assemblea bħala osservaturi.

2. ***Il-parteċipazzjoni*** tar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili ***fis-sessjonijiet*** tal-Assemblea, il-laqgħat tal-kumitati permanenti, u l-laqgħat parlamentari reġjonali tal-Assemblea ***għandhom jitqiesu u, fejn xieraq, ikunu approvati mill-Bureau fuq bażi ta' każ b'każ.***

3. **Il-Ko-Presidenti** jistgħu, bl-approvazzjoni tal-Bureau, jistiednu organizzazzjonijiet jew persuni oħra sabiex jattendu għas-sessjonijiet tal-Assemblea, għal-laqgħat tal-kumitati permanenti u għal-laqgħat parlamentari reġjonali bħala *osservaturi*.

4. L-osservaturi m'għandhomx dritt jivvutaw. Huma jistgħu, *fuq bażi ta' każ b'każ*, jindirizzaw is-sessjoni *jew il-laqgħat tal-kumitati*, bl-approvazzjoni tal-Assemblea *jew tal-Bureau tal-kumitat ikkonċernat, rispettivament*.

Artikolu 5

Sessjonijiet tal-Assemblea

1. L-Assemblea għandha tiltaqa' darbtejn fis-sena *għall-perjodu ta' tlett ijiem*; is-sessjonijiet tagħha għandhom ikunu msejihin mill-Ko-Presidenti tagħha u għandha tiltaqa' darba fi Stat AKP u darba fi Stat Membru *tal-Unjoni Ewropea, jekk ikun possibbli fl-Istat li qed jikkupa l-Prezidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*.

2. Meta jkun qed jiġi stabbilit il-post tas-sessjoni, għandha tkun osservata sistema ta' rotazzjoni bejn il-gruppi ta' Stati AKP u l-Istati Membri *tal-Unjoni Ewropea*.

3. Fuq talba tal-Bureau jew tal-Kunsill tal-Ministri AKP_UE, il-Ko-Presidenti jistgħu jlaqqgħu sessjoni straordinarja tal-Assemblea.

Artikolu 6

Laqgħat reġjonali tal-Assemblea

1. Skont l-Artikolu 17(3) tal-Ftehim ta' Sħubija, l-Assemblea tista' ssejjaħ laqgħat parlamentari reġjonali. Deċiżjonijiet fuq dawn il-laqgħat għandhom jittieħdu fuq talba tal-Bureau jew tar-reġjuni kkonċernati.

2. Għall-iskopijiet ta' *dawn* ir-Regoli ta' Proċedura, "reġjun" għandha tfisser entitajiet li għandhom ikunu definiti mill-parlamenti nazzjonali tal-Istati AKP. Kull entità definita b'dan il-mod, għandha tkun preżentata għall-approvazzjoni finali tal-Assemblea.

3. Membru wieħed tal-Parlament minn kull Stat AKP fir-reġjun u numru ekwivalenti ta' Membri tal-Parlament Ewropew għandhom jipparteċipaw f'laqgħat reġjonali.

4. L-Assemblea għandha żżomm mhux aktar minn *tliet* laqgħat reġjonali fis-sena, *li jdumu mhux iżjed minn tliet ijiem kull waħda. Jekk jinżammu iżjed minn tnejn, waħda minnhom għandha ssir fil-mariġni tas-sessjoni li ssir fi stat AKP. Dawk il-laqgħat għandhom jadottaw konklużjonijiet f'forma ta' komunikat. Dawn ir-Regoli ta' Proċedura għandhom japplikaw mutatis mutandis għal-laqgħat reġjonali*.

5. Il-laqgħat reġjonali *għandhom jiffukaw fuq kwistjonijiet ta' interess reġjonali u topiċi, b'mod partikulari d-Dokumenti ta' Strateġija għar-Reġjuni u l-Pajjiżi għar-reġjun ikkonċernat. Għandu jiġi ppreżentat rapport ta' segwitu dwar kull laqgħa reġjonali, lis-sessjoni tal-Assemblea ta' wara*.

Artikolu 7

Aġenda

1. Il-Bureau għandu jipprepara l-abbozz tal-aġenda tas-sessjoni. Il-Ko-Presidenti għandhom jippreżentaw dan l-abbozz lill-Assemblea għall-approvazzjoni. Is-suġġetti għandhom ikollhom x'jaqsmu mal-kooperazzjoni għall-iżvilupp bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati AKP fil-qafas tal-Ftehim ta' Sħubija.

L-abbozz tal-aġenda ta' kull sessjoni għandu jinkludi l-kategoriji ta' temi *li ġejjin* :

(i) rapporti ppreżentati mill-kumitati permanenti. Dawn ikunu limitati għal tlieta għal kull sessjoni. It-tul tal-mozzjonijiet għal risoluzzjoni inklużi fir-rapporti huwa stabbilit fl-Anness II ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura;

(ii) temi urġenti proposti minn kumitat permanenti jew preżentati mill-Bureau innifsu. L-inklużjoni ta' temi urġenti għandha tkun eċċezzjoni u ma jistgħux ikunu aktar minn tnejn kull sessjoni. *Temi oħrajn għandhom jitressqu lill-kumitat permanenti responsabbli;*

(iii) tema prinċipali għal dibattitu ta' livell għoli.

2. Fir-rigward ta' temi urġenti, tista' titressaq mozzjoni għal risoluzzjoni minn rappreżentant tal-Istati AKP, minn grupp politiku jew minn għaxar Membri. Il-mozzjonijiet għal risoluzzjoni jridu jkunu limitati għal kwistjonijiet urġenti inklużi fl-abbozz tal-aġenda tas-sessjoni u ma jistgħux ikunu itwal mit-tul stabbilit fl-Anness II. Il-mozzjonijiet għal risoluzzjoni jridu jkunu mressqa mhux aktar tard minn erba' ġimgħat qabel il-ftuħ tas-sessjoni li matulha huma għandhom jiġu diskussi u jittieħed vot dwarhom.

3. F'każijiet urġenti, il-Ko-Presidenti jistgħu jaġġornaw l-abbozz tal-aġenda bejn il-laqgħat tal-Bureau permezz tal-proċedura bil-miktub u/jew ta' silenzju.

4. Il-mozzjonijiet għal risoluzzjoni dwar temi urġenti għandhom jitressqu lill-Bureau. Il-Bureau għandu jivverifika li kull mozzjoni għal risoluzzjoni li tissodisfa l-kriterji stabbiliti f'paragrafu 2 tkun inkluża fl-aġenda u tkun disponibbli bl-Ingliż u bil-Franċiż. Il-proposti tal-Bureau għandhom jitressqu għall-approvazzjoni tal-Assemblea.

5. Il-Bureau għandu jgħaddi l-mozzjonijiet għal risoluzzjoni dwar temi urġenti lill-kumitat responsabbli, għall-informazzjoni.

Artikolu 8

Kworum

1. Il-kworum tal-Assemblea jintlaħaq meta jkunu preżenti terz tar-rappreżentanti kemm tal-Istati AKP u kemm tal-Parlament Ewropew.

2. Il-voti kollha għandhom ikunu validi, ikun kemm ikun in-numru ta' votanti, ħliet jekk il-President, fuq talba magħmulha minn mhux inqas minn għaxar membri qabel il-bidu tal-votazzjoni, jaċċerta li l-kworum ma jkunx preżenti fil-mument tal-votazzjoni. Jekk il-kworum ma jkunx preżenti, il-votazzjoni għandha tkun inkluża fl-aġenda tas-seduta ta' wara.

Artikolu 9

Presidenza tas-seduti

1. Il-Ko-Presidenti għandhom jiddeċiedu bejniethom min minnhom se jippresiedi kull seduta tal-Assemblea.
2. Il-President għandu jiftaħ, jagħgorna u jagħlaq is-seduti tal-Assemblea. Il-President għandu jiżgura li r-Regoli ta' Proċedura jiġu osservati, iżomm l-ordni, isejjaħ lill-kelliema, jagħlaq id-dibattiti, iressaq kwistjonijiet għall-votazzjoni u jħabbar ir-riżultati tal-votazzjoni.
3. Il-President jista' jitkellem waqt dibattitu biss biex jirrikapitula jew biex isejjaħ lill-kelliema għall-ordni; jekk ikun jixtieq jipparteċipa fid-dibattitu, huwa għandu jħalli s-sedja.
4. Iż-żewġ Ko-Presidenti jistgħu jagħżlu li jiġu sostitwiti fis-sedja minn Viċi-President.

Artikolu 10

Tqassim tal-postijiet

Il-Membri għandhom joqogħdu bilqiegħda f'ordni alfabetika, skont il-kunjom fil-każ ta' rappreżentanti tal-Parlament Ewropew u skont il-pajjiż fil-każ tar-rappreżentanti AKP, ***bl-ewwel ittra tinbidel għall-ittra li jmiss tal-alfabett għal kull sessjoni.***

Artikolu 11

Lingwi uffiċjali

1. Il-lingwi uffiċjali tal-Assemblea għandhom ikunu l-Bulgaru, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Olandiż, l-Ingliż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ungeriz, it-Taljan, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, il-Pollakk, il-Portugiż, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol u l-Isvediż.

Għal-laqgħat kollha li jsiru fil-postijiet ta' ħidma normali tal-Parlament Ewropew, għandhom ikunu pprovduti faċilitajiet ta' interpretazzjoni fil-lingwi ta' ħidma kollha tal-Membri tal-Parlament Ewropew preżenti. Għal-laqgħat kollha li jsiru barra mill-postijiet ta' ħidma normali tal-Parlament Ewropew, għandhom ikunu pprovduti faċilitajiet ta' interpretazzjoni skont ir-regoli interni relevanti tal-Parlament Ewropew, kif jingħad fir-Regoli dwar il-laqgħat tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE u l-Entitajiet tagħha, stipulati fid-deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Frar 2003. Għandhom ikunu pprovduti servizzi ta' traduzzjoni waqt kull laqgħa bl-Ingliż u l-Franċiż.

2. L-atti adottati mill-Assemblea għandhom ikunu ppubblikati fil-lingwi uffiċjali. Id-dokumenti ta' tnejn u d-dokumenti ta' ħidma għandhom ikunu ppubblikati tal-anqas bl-Ingliż u bil-Franċiż.

Artikolu 12

Publikazzjoni tad-Diskussjonijiet

Is-sessjonijiet tal-Assemblea għandhom ikunu pubbliċi sakemm ma tiddeċidix mod ieħor.

13.

Artikolu 13

Minuti

1. Il-minuti tad-diskussjonijiet ta' kull seduta li jinkludu d-deċiżjonijiet tal-Assemblea u l-ismijiet tal-kelliema, għandhom jitqassmu fis-seduta ta' wara.
2. Il-minuti għandhom ikunu ppubblikati mill-Parlament Ewropew f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-*Unjoni Ewropea* u mill-Istati AKP fi kwalunkwe forma li kull wieħed minnhom iqis xierqa. *Il-minuti tas-seduta tas-sessjoni ta' qabel għandhom jitressqu għall-approvazzjoni fil-bidu tas-sessjoni ta' wara u kull korrezzjoni għalihom għandha tkun ippubblikata mill-Parlament Ewropew fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u mill-Istati AKP fi kwalunkwe forma li kull wieħed minnhom iqis xierqa.*

Artikolu 14

Dikjarazzjonijiet tal-Ko-Presidenti u stqarrijiet għall-istampa

1. *Il-Ko-Presidenti jistgħu, fejn possibbli wara li jikkonsultaw il-Membri tal-Bureau permezz tal-proċedura bil-miktub u/jew ta' silenzju, joħroġu dikjarazzjonijiet urġenti konġunti dwar kull kwistjoni li tikkonċerna s-Sħubija AKP-UE. Dikjarazzjonijiet ta' din ix-xorta għandhom ikunu ibbażati fuq riżoluzzjonijiet u dikjarazzjonijiet eżistenti. Ladarba dawn ikunu nħarġu, il-Ko-Presidenti għandhom l-ewwel jinfurmaw lill-Bureau dwarhom bil-ħsieb li dawn ikunu diskussi u, kemm jista' jkun malajr wara dan, lill-Membri kollha tal-Assemblea.*
2. *L-istqarrijiet uffiċjali għandhom isiru bl-Ingliż u l-Frañċiż. M'għandhomx ikunu kklassifikati bħala dokumenti uffiċjali.*

Artikolu 15

Dritt għal kelma

1. Membru tal-Assemblea jista' jitkellem biss fuq stedina tal-President. Ir-rappreżentanti tal-pajjiżi msemmija fir-riżoluzzjonijiet *jew waqt id-dibattiti għandhom* id-dritt li jirrispondu fil-ħin mogħti lilhom.
2. *Il-ħin tad-diskorsi fid-dibattiti fl-Assemblea għandu jkun imqassam b'mod indaqs bejn ir-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew u tal-Istati AKP.* Fuq proposta tal-President, l-Assemblea tista' tiddeċiedi li tillimita l-ħin tad-diskorsi. *Il-Membri jistgħu jippreżentaw kontribuzzjonijiet bil-miktub li jissupplimentaw id-dikjarazzjonijiet tagħhom b'limitu ta' 2000 character. Il-kontribuzzjonijiet bil-miktub għandhom ikunu arkivjati fil-lingwa oriġinali tagħhom.*
3. Għall-Membri tal-Parlament Ewropew, il-ħin tad-diskorsi għandu jkun allokat skont is-sistema d'Hondt.

4. Il-Membri tal-Kunsill tal-Ministri AKP_UE jew ir-rappreżentanti nominati tagħhom u r-rappreżentanti tal-entitajiet u l-istituzzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 3(2), għandhom jinstemgħu fuq talba tagħhom.

5. Kelliem ma jistax jiġi interrott ħlief mill-President fil-każ li l-ħin tiegħu għad-diskors ikun skada, ħlief fil-każ imsemmi f'paragrafu 6.

6. Jekk kelliem joħroġ barra mis-suġġett, il-President għandu jsejjaħlu għall-ordni. Jekk il-kelliem jippersisti f'li joħroġ barra mis-suġġett, il-President jista' jċaħħdu milli jitkellem għal perjodu li hu jidhirlu li jkun xieraq.

Artikolu 16

Dritt għal vot u metodi ta' votazzjoni

1. Kull membru li għandu dritt jivvota għandu jkollu vot wieħed mhux trasferibbli.
2. Normalment l-Assemblea għandha tivvota b'turija tal-idejn. Jekk ir-riżultat tal-votazzjoni b'turija tal-idejn ikun dubbjuż, għandha ssir votazzjoni oħra bl-użu ta' karti kkuluriti jew votazzjoni elettronika.
3. Jekk tiġi ppreżentata talba bil-miktub **sal-10 ta' filgħodu fil-ġurnata tal-votazzjoni** minn mhux inqas minn għaxar Membri, l-Assemblea għandha tagħmel votazzjoni sigrieta.
4. Deċiżjoni għandha tiġi kkunsidrata bħala adottata biss jekk tirċievi l-maġġoranza tal-voti mitfugħa. Jekk tiġi ppreżentata talba **sal-10 ta' filgħodu fil-ġurnata tal-votazzjoni** minn mhux inqas minn ħames Membri, għal votazzjoni fi kmamar separati, għandha ssir votazzjoni li fiha **l-membri tal-parlamenti tal-Istati** AKP u **l-membri** tal-Parlament Ewropew għandhom jivvutaw fi kmamar separati bl-ordni tal-votazzjoni talterna bejniethom. F'dak il-każ, it-test in kwistjoni għandu jitqies adottat biss jekk jikseb il-maġġoranza tal-voti mitfugħa kemm **mill-Membri tal-Parlamenti tal-Istati** AKP u kemm **mill-Membri** tal-Parlament Ewropew li jkunu qed jipparteċipaw fil-votazzjoni.
5. Fil-każ ta' numru ndaq ta' voti, il-mozzjoni m'għandiex tkun adottata. Hija tista' terġa' titressaq fis-sessjoni ta' wara tal-Assemblea.
6. Jekk tiġi ppreżentata talba **sal-10 ta' filgħodu fil-ġurnata tal-votazzjoni** minn mhux inqas minn ħames Membri, l-Assemblea għandha tivvota fuq partijiet separati tat-test ta' paragrafu jew emenda.
7. Kwalunkwe talba mressqa skont il-paragrafi 3, 4, u 6 tista' tiġi rtirata mill-awturi tagħha fi kwalunkwe ħin qabel il-votazzjoni.

Artikolu 17

Spjegazzjoni tal-votazzjoni

Kwalunkwe membru jista' jagħti spjegazzjoni orali dwar il-votazzjoni finali għal mhux aktar minn minuta u nofs jew spjegazzjoni bil-miktub ta' mhux aktar minn 200 kelma. **Spjegazzjonijiet bil-miktub għandhom ikunu arkivjati fil-lingwa oriġinali tagħhom.**

Artikolu 18

Riżoluzzjonijiet tal-Assemblea

1. L-Assemblea għandha tivvota għal mozzjonijiet għal riżoluzzjoni inklużi fir-rapporti ppreżentati mill-kumitati permanenti skont l-Artikolu 7.
2. L-Assemblea għandha tivvota wkoll għal kwalunkwe mozzjonijiet għal riżoluzzjoni dwar kwistjonijiet urġenti skont l-Artikolu 7.
3. Il-President għandu jistieden lill-awturi ta' kwalunkwe mozzjonijiet għal riżoluzzjoni li jitrattaw kwistjoni urġenti simili sabiex jagħmlu mozzjoni ta' kompromess. Fl-aħħar tad-dibattitu, kull mozzjoni ta' kompromess għal riżoluzzjoni u l-emendi relatati magħha għandhom jitressqu għal votazzjoni quddiem l-Assemblea. Ladarba tiġi adottata mozzjoni ta' kompromess għal riżoluzzjoni, il-mozzjonijiet l-oħra mressqa dwar l-istess tema jispiċċaw.
4. Ir-riżoluzzjonijiet adottati mill-Assemblea għandhom jiġu mressqa lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Kunsill tal-Ministri AKP-UE u kull parti oħra interessata. Il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill tal-Ministri AKP-UE għandhom jirrapurtaw dwar is-segwitu tar-riżoluzzjonijiet adottati waqt is-sessjoni ta' wara tal-Assemblea.

Artikolu 19

Emendi

1. Emendi jistgħu jitressqu minn rappreżentant AKP bi dritt tal-vot, grupp politiku jew għaxar Membri. L-emendi għandhom ikunu relatati mat-test li jkunu qed jemendaw u għandhom jiġu mressqa bil-miktub. Il-President għandu jiddeċiedi, fuq il-bażi ta' dawn il-kriterji jekk humiex ammissibbli.
2. L-iskadenza għat-tressiq tal-emendi għandha titthabbar fil-bidu tas-sessjoni.
3. Meta tkun qed tittieħed votazzjoni, l-emendi għandhom ikollhom prijorità fuq it-test li miegħu jkollhom x'jaqsmu.
4. F'każ li jitressqu żewġ emendi jew aktar għall-istess parti tat-test, dik l-emenda li fil-kontenut titbiegħed l-aktar mit-test oriġinali, għandha titressaq l-ewwel għall-votazzjoni. L-emendi orali li jikkoreġu żbalji fattwali jew lingwistiċi biss jistgħu jiġu kkunsidrati. L-emendi orali l-oħra għandhom ikunu skont kif tħoss li għandha tagħmel l-Assemblea. Emenda orali ma tistax tkun ikkunsidrata jekk għaxar Membri joġġezzjonaw għaliha billi jqumu bilwieqfa.

Artikolu 20

Mistoqsijiet li jitolbu risposta bil-miktub

1. Kwalunkwe membru tal-Assemblea jista' jagħmel mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub lill-Kunsill tal-Ministri AKP-UE jew lill-Kummissjoni Ewropea.

2. Il-mistoqsijiet għandhom jitressqu bil-miktub lill-Bureau, li għandu jiddeċiedi jekk humiex aċċettabbli u, jekk dan ikun il-każ, jgħaddihom lill-Kunsill tal-Ministri AKP-UE jew lill-Kummissjoni Ewropea skont il-każ. Il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE jew il-Kummissjoni Ewropea għandhom ikunu mistiedna iwieġbu bil-miktub fi żmien xahrejn mid-data ta' meta tittresqilhom il-mistoqsija.
3. Il-mistoqsijiet li tkun ingħatatilhom tweġiba, għandhom jiġu ppubblikati, flimkien mat-tweġibiet għaihom, mill-Parlament Ewropew f'Il-Ġurnal Uffiċjali **tal-Unjoni** Ewropea u mill-Istati AKP fi kwalunkwe forma li kull wieħed minnhom iqis xierqa.
4. Il-mistoqsijiet li jitħallew mingħajr tweġiba sal-limitu ta' żmien mogħti, għandhom ikunu ppubblikati bl-istess mod, b'indikazzjoni li għadhom ma tweġbux.

Artikolu 21

Mistoqsijiet li jitolbu tweġiba orali

1. Waqt kull sessjoni għandu jkun hemm ħin għall-mistoqsijiet għall-Kunsill tal-Ministri AKP-UE u għall-Kummissjoni Ewropea f'ħin deċiż mill-Bureau, sabiex tkun żgurata l-preżenza ta' dawk iż-żewġ istituzzjonijiet fl-aktar livell għoli.
2. Kull membru tal-Assemblea jista' jagħmel mistoqsija waħda għal tweġiba orali lill-Kunsill tal-Ministri AKP-UE u waħda lill-Kummissjoni Ewropea. F'każ ta' mistoqsija ffirmata minn diversi Membri, wieħed minnhom biss għandu jissejjaħ biex iressaqha.
3. Il-mistoqsijiet għandhom jitressqu bil-miktub lill-Bureau saż-żmien stabbilit minnu.
4. F'każijiet urġenti u bi qbil mal-istituzzjoni li lilha jkunu ndirizzati l-mistoqsijiet, il-Ko-Presidenti jew il-Bureau jistgħu jiddeċiedu li jinkludu mistoqsija fl-aġenda, ukoll jekk iż-żmien stabbilit mill-Bureau jkun skada.
5. Il-Ko-Presidenti tal-Assemblea għandhom jiddeċiedu dwar l-ammissibilità ta' mistoqsijiet li jitolbu tweġiba orali. Dan għandu jkun determinat mill-ambitu u t-termini tal-Ftehim ta' Sħubija. Il-mistoqsijiet relatati mat-temi li diġà jkunu nklużi fl-aġenda għad-diskussjoni, għandhom jiġu ddikjarati bħala mhux ammissibbli. Il-mistoqsijiet li jiġu dikjarati ammissibbli għandhom jitressqu lill-Kunsill tal-Ministri AKP-UE jew lill-Kummissjoni Ewropea. Il-Ko-Presidenti għandhom jiddeċiedu l-ordni li fiha se jkunu trattati l-mistoqsijiet. L-awtur għandu jkun notifikat immedjatament bid-deċiżjoni tagħhom.
6. Il-mistoqsijiet m'għandhomx ikunu itwal minn 100 kelma. Iridu jkunu f'forma ta' mistoqsija u mhux dikjarazzjoni.
7. L-Assemblea m'għandiex tiddedika iktar minn sagħtejn kull sessjoni għall-eżaminazzjoni tal-mistoqsijiet għal tweġiba orali. Il-mistoqsijiet li jibqgħu mingħajr tweġiba minħabba nuqqas ta' ħin għandhom jitwieġbu bil-miktub sakemm l-awtur ma jirtirax il-mistoqsija tiegħu.
8. Mistoqsija tista' titwieġeb biss jekk l-awtur tagħha jkun preżenti jew jekk ikun informa bil-miktub lill-Ko-Presidenti qabel il-bidu tal-ħin tal-mistoqsijiet bl-isem tas-sostitut tiegħu.

9. Jekk la l-awtur u lanqas is-sostitut tiegħu ma jkunu preżenti, il-mistoqsija għandha titwieġeb bil-miktub.

10. Il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE jew il-Kummissjoni Ewropea għandhom ikunu mistiedna iwiegħbu fil-qosor. Ladarba mistoqsija tkun twieġbet, l-awtur tal-mistoqsija oriġinali jista', jekk il-ħin jippermetti, jagħmel mistoqsija supplimentari qasira. Il-President jista' jirrifjuta kwalunkwe mistoqsija li m'għandiex x'taqsam mal-mistoqsija oriġinali.

11. Fuq talba ta' mill-anqas għaxar Membri jew aktar tal-Assemblea, it-tweġiba mogħtija mill-Kunsill tal-Ministri AKP-UE jew mill-Kummissjoni Ewropea tista' tkun segwita b'dibattitu. Il-President għandu jistabbilixxi limitu ta' ħin għal dak id-dibattitu.

Artikolu 22

Rapport dwar l-attivitajiet tal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE

Ir-rapport dwar l-attivitajiet tal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE, li għandu jkun jitratta fost l-oħrajn il-miżuri li jkunu ttieħdu skont ir-riżoluzzjonijiet tal-Assemblea, għandu jkun ippubblikat fil-lingwi uffiċjali u mqassam.

Artikolu 23

Kontroll tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija

Fuq proposta tal-Bureau, l-Assemblea tista' taħtar ko-rapporteur AKP u ko-rapporteur tal-UE sabiex jagħmlu rapport dwar reġjun speċifiku, jew dwar kwalunkwe tema oħra relatata mal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija.

Artikolu 24

Talbiet tal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE għal opinjoni

1. Jekk l-Assemblea tintalab tagħti opinjoni dwar deċiżjoni jew deċiżjoni proposta, riżoluzzjoni, rakkomandazzjoni jew opinjoni tal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE, it-talba għal dan għandha tiġi ppreżentata lill-Bureau li għandu jressaq il-kwistjoni lill-Assemblea flimkien ma' rakkomandazzjoni.

2. Il-Bureau jista' jagħti deċiżjoni finali dwar tema li l-Kunsill tal-Ministri AKP-UE jqis li hija urġenti.

Artikolu 25

Kumitati Permanenti

1. L-Assemblea għandha twaqqaf tliet kumitati permanenti responsabbli għall-oqsma li ġejjin fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija:

- promozzjoni ta' proċessi demokratiċi permezz ta' djalogu u konsultazzjoni;
- kwistjonijiet ekonomiċi, finanzjarji u kummerċjali u l-implimentazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp;
- kwistjonijiet soċjali u ambjentali.

2. F'konformità mal-arranġamenti ġenerali għall-funzjonament tal-Assemblea, il-kumitati permanenti għandhom ikunu magħmula minn Membri tal-Assemblea bi qbil ma' Artikolu 1, u għandhom joperaw b'mod strettament konġunt.

3. Ir-regoli ta' proċedura tal-kumitati permanenti għandhom jiġu adottati mill-Assemblea fuq proposta tal-Bureau.

Artikolu 26

Kumitati ta' Segwitu Temporanji

1. Il-Bureau jista', fuq proposta tal-Assemblea, joħloq numru ta' kumitati ta' segwitu temporanji, dwar temi speċifiċi marbuta mal-Ftehim ta' Sħubija jew ma' kwistjonijiet koperti minnu. Ma jistax ikun hemm iktar minn żewġ kumitati ta' dan it-tip li jkunu qed joperaw fl-istess ħin. Il-kumitati ta' segwitu għandhom itemmu ħidmithom fi żmien sena.

2. Il-Bureau għandu jistabbilixxi r-responsabbiltajiet, il-kompożizzjoni u l-mandat tagħhom.

Artikolu 27

Workshops

1. Bil-għan li jkun hemm aktar ftehim bejn il-popli tal-Unjoni Ewropea u l-Istati AKP u sabiex titqajjem kuxjenza pubblika dwar kwistjonijiet dwar l-iżvilupp, l-Assemblea għandha torganizza regolament workshops kemm fl-Unjoni Ewropea u kemm fil-pajjiżi AKP.

2. Il-workshops għandhom ikunu organizzati taħt ir-responsabbiltà tal-Bureau u għandhom, b'mod partikulari, jipprovdu l-opportunità li jistiednu persuni li huma kapaċi jagħtu lill-Assemblea informazzjoni diretta dwar is-sitwazzjonijiet politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali li huma ta' tħassib.

Artikolu 28

Missjonijiet u Delegazzjonijiet

1. Il-Bureau jista' jiddeċiedi li jibgħat missjonijiet ta' tiftix tal-fatti fl-Istati AKP jew fl-Istati Membri tal-UE jew f'organizzazzjonijiet internazzjonali, skont ir-restrizzjonijiet baġitarji. Il-Bureau jew l-Assemblea jistgħu jiddeċiedu wkoll li jibagħtu delegazzjonijiet ***konġunti*** għall-osservazzjoni ta' elezzjonijiet presidenzjali jew parlamentari, fuq stedina tal-pajjiż ikkonċernat, kemm-il darba s-sigurtà tagħhom tkun żgurata ***u li, fil-każ tal-Membri tal-Parlament Ewropew, dan ikun kompatibbli mar-regoli interni tal-Parlament Ewropew.*** Barra minn hekk, bi qbil mal-prinċipju ta' kooperazzjoni mill-qrib stabbilit fl-Artikolu 29, il-Bureau jista' jibgħat delegazzjonijiet għal-laqgħat tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-imsieħba soċjali, inklużi dawk li ma jsirux Brussell.

Għandu jitressaq rapport lill-Bureau u lis-sessjoni sussegwenti tal-Assemblea. Għandu jkun hemm segwitu konkret waqt il-laqgħa tal-Bureau ta' wara għar-rakkomandazzjonijiet magħmula fir-rapport.

2. Il-Ko-Presidenti jew il-Viċi-Presidenti tagħhom, jistgħu jattendu laqgħat ta' livell għoli ***jew laqgħat ta' korpi parlamentari nazzjonali*** meta mistiedna biex jipparteċipaw fil-kariga uffiċjali tagħhom, kemm individwalment u kemm b'mod konġunt, f'isem l-Assemblea.

Dawn il-missjonijiet għandhom jirrappreżentaw l-Assemblea kollha u l-attivitajiet involuti għandhom jirriflettu l-interessi komuni AKP-UE.

Artikolu 29

Konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili

L-Assemblea għandha tiegħu passi sabiex tiżgura li l-Istati AKP u l-Unjoni Ewropea għandhom kuntatti u konsultazzjonijiet regolari mar-rappreżentanti tal-imsieħba ekonomiċi u soċjali AKP-UE u r-rappreżentanti l-oħra tas-soċjetà ċivili sabiex tiegħu l-opinjoni tagħhom dwar il-kisba tal-oġettivi tal-Ftehim ta' Sħubija. Dawk ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili għandhom ikollhom l-opportunità jattendu għal-laqgħat reġjonali u dawk tal-kumitati permanenti u jieħdu parti fil-workshops. Il-Bureau għandu jeżamina, f'kull każ, taħt liema kundizzjonijiet l-istediniet għandhom ikunu indirizzati lilhom.

Artikolu 30

President Onorarju

Fuq proposta tal-Bureau, u f'każijiet eċċezzjonali, l-Assemblea tista' tagħti t-titolu ta' President Onorarju lil wieħed mill-ex Ko-Presidenti tagħha. Dan l-unur għandu jkun sinjal ta' għarfien mill-Assemblea għas-servizz distint mogħti mill-persuna kkonċernata, matul iż-żmien li kienet membru tal-Assemblea, għall-kawża tal-Assemblea.

Artikolu 31

Segretarjat

Is-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew u s-Segretarju Ġenerali tas-Segretarjat Ġenerali tal-Istati AKP għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex jassistu lill-Assemblea u biex jiżguraw li din topera mingħajr diffikultà. Huma għandhom ikunu responsabbli għall-Bureau.

Artikolu 32

Regolament Finanzjarju

L-Assemblea għandha tadotta r-regolament finanzjarju tagħha fuq il-bażi ta' proposti mill-Bureau.

Artikolu 33

Interpretazzjoni tar-Regoli ta' Proċedura

Il-President - jew fuq talba tiegħu, il-Bureau - għandu jiddeċiedi fuq kwistjonijiet relatati mal-interpretazzjoni ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura.

Artikolu 34

Punti ta' ordni

1. Membru jista' jqajjem punt ta' ordni jew iressaq mozzjoni ta' proċedura u għandu jkollu d-dritt li jitkellem l-ewwel. Huwa jista' jitkellem dwar punt ta' ordni jew dwar mozzjoni ta' proċedura għal mhux aktar minn żewġ minuti.

2. Il-President jista', fuq talba, jagħti l-kelma lil kelliem wieħed kontra l-mozzjoni għal mhux aktar minn żewġ minuti.
3. M'għandhomx jinstemgħu kelliema oħra.
4. Il-President għandu jħabbar id-deċiżjoni tiegħu dwar il-punt ta' ordni jew dwar il-mozzjoni ta' proċedura. Huwa jista' jikkonsulta l-ewwel lill-Bureau.

Artikolu 35

Emendi għar-Regoli ta' Proċedura

1. Emendi għal dawn ir-Regoli ta' Proċedura għandhom ikunu deċiżi mill-Assemblea fuq il-bażi ta' proposti tal-Bureau wara konsultazzjoni mal-Kumitat għall-Affarijiet Poliċi.
2. L-emendi għandhom ikunu adottati biss jekk jirċievu l-maġġoranza tal-voti f'kull wieħed miż-żewġ gruppi ta' rappreżentanti fl-Assemblea.
3. Jekk ma jkunx speċifikat mod ieħor meta jittieħed il-vot, l-emendi għal dawn ir-Regoli għandhom jidħlu fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tas-sessjoni wara li jiġu adottati.

Artikolu 1

Għandu jkun hemm tliet kumitati parlamentari permanenti, li għandhom is-setgħat u r-responsabbiltajiet li ġejjin:

I. IL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET POLITIĊI

Dan il-Kumitat huwa responsabbli għall-kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma':

1. Djalogu politiku (Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE), l-iżvilupp u l-kwistjonijiet istituzzjonali;
2. Ir-rispett u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-governanza tajba (Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE);
3. Politika għal konsolidazzjoni tal-paċi u għall-prevenzjoni u r-risoluzzjoni tal-kunflitti (Artikolu 11 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE);
4. Kwistjonijiet dwar il-migrazzjoni (Artikolu 13 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE);
5. Relazzjonijiet tal-Assemblea mal-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti.

Dan il-kumitat jikkoordina l-ħidma tal-missjonijiet ta' tiftix tal-fatti, inklużi dawk mibgħuta sabiex josservaw l-elezzjonijiet, skont l-Artikolu 28 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Assemblea.

II. IL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP EKONOMIKU, II-FINANZI U L-KUMMERĊ

Dan il-Kumitat huwa responsabbli mill-affarijiet li għandhom x'jaqsmu ma':

1. L-iżvilupp ekonomiku u l-kooperazzjoni kummerċjali, kif ukoll mat-tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-iżvilupp u s-sħubija;
2. Riformi makro-ekonomiċi u strutturali, l-iżvilupp tas-settur ekonomiku u t-turiżmu (Artikoli 22 sa 24 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE);
3. Arranġamenti kummerċjali ġodda AKP-KE, l-aċċess għas-suq u l-integrazzjoni gradwali tal-Istati AKP fl-ekonomija dinjija (Artikoli 34 sa 37 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE);
4. Kummerċ u l-istandards tax-xogħol (Artikolu 50 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE);
5. L-iżvilupp rurali, is-sajd u s-sigurtà tal-ikel (Artikoli 53 u 54 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE);
6. Il-kwistjonijiet kollha relatati mal-kooperazzjoni finanzjarja tal-iżvilupp inkluż is-segwitu tal-implimentazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp.

III. IL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJJIET SOĊJALI U L-AMBJENT

Dan il-Kumitat huwa responsabbli mill-affarijjet li għandhom x'jaqsmu ma':

1. L-iżvilupp soċjali u tal-bniedem;
2. L-infrastruttura u s-servizzi soċjali, inklużi l-kwistjonijiet tas-saħħa u tal-edukazzjoni (Artikolu 25 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE);
3. Kwistjonijiet marbuta maż-żgħożija u l-kultura (Artikolu 26 u 27 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE);
4. Kwistjonijiet relatati mal-ġeneru (Artikolu 31 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE);
5. L-ambjent u r-riżorsi naturali (Artikolu 32 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE);

Artikolu 2

1. Kull membru tal-Assemblea għandu d-dritt ikun Membru ta' wieħed mill-Kumitati permanenti.
2. Il-kumitati għandhom ikunu magħmula minn 52 Membru u għandhom jikkonsistu mill-istess numru ta', min-naħa l-waħda, Membri tal-Parlament Ewropew u min-naħa l-oħra, membri tal-parlament minn Stati AKP. Jekk in-numru ta' Stati AKP jikber, in-numru ta' Membri tal-kumitati permanenti għandu jiżdied ukoll proporzjonalment.
3. Il-membri jistgħu wkoll jattendu għal-laqgħat ta' kumitati li ma jkunux membri tagħhom, bħala konsultanti jew jekk it-tema tad-dibattitu tikkonċerna lil pajjiżhom jew lir-reġjun tagħhom, fuq stedina tal-Bureau tal-Kumitat.
4. Il-parteċipazzjoni ta' rappreżentanti li mhumiex membri tal-parlament għandha tkun permessa biss jekk is-suġġett tad-diskussjoni jikkonċerna lil pajjiżhom, iżda ma jkollhomx dritt għall-vot.
5. Ħlief jekk kumitat jiddeċiedi mod ieħor, il-laqgħat kollha għandhom ikunu pubbliċi.

Artikolu 3

1. Il-kompożizzjoni tal-kumitati għandha, safejn ikun possibbli, tirrifletti dik tal-Assemblea.
2. Il-kumitati għandhom jeleġġu Bureau tal-Kumitat minn fost il-Membri tagħhom għal perjodu ta' sena.
3. Il-Bureau tal-Kumitat għandu jkun magħmul minn żewġ ko-presidenti (rappreżentant tal-Parlament Ewropew u rappreżentant tal-Istati AKP) u erba' ko-viċi-presidenti (żewġ rappreżentanti tal-Istati AKP u żewġ rappreżentanti tal-Parlament Ewropew).

4. Il-kumitati għandhom ikunu ppreseduti b'mod konġunt minn Membru tal-Parlament Ewropew u minn membru tal-parlament minn Stat AKP.
5. Il-kumitati jistgħu jaħtru rapporteurs sabiex jeżaminaw mistoqsijiet speċifiċi fl-ambitu tal-kompetenza tagħhom u jippreparaw rapporti li għandhom jiġu ppreżentati lill-Assemblea kemm-il darba jkun hemm l-awtorizzazzjoni tal-Bureau, skont l-Artikolu 2 tar-Regoli ta' Proċedura.

Il-mozzjonijiet għal risoluzzjoni inklużi fir-rapporti jistgħu jkunu akkumpanjati b'nota spjegattiva ta' mhux aktar minn erba' paġni.

6. Il-kumitati permanenti jistgħu jiddiskutu l-punti l-oħra tal-aġenda mingħajr rapport u jgħarrfu bil-miktub lill-Bureau li l-punti msemmija kienu diskussi.
7. Il-kumitati għandhom jikkontribwixxu għad-djalogu ma' partijiet interessati mhux statali, skont l-Artikolu 17(3) tal-Ftehim ta' Sħubija, partikolarment permezz ta' seduti ta' smiġh.
8. Il-kumitati għandhom jirrappurtaw lill-Assemblea dwar l-attivitajiet tagħhom.

Artikolu 4

1. Il-kumitati għandhom jiltaqgħu meta jkunu msejħa mill-Ko-Presidenti tagħhom u għal massimu ta' erba' sessjonijiet fis-sena, tnejn minnhom waqt is-sessjoni tal-Assemblea.
2. Kwalunkwe membru jista' jressaq emendi sabiex jiġu eżaminati fil-kumitat. Fir-rigward tal-proċedura, l-Artikoli 3 (attenzenza ta' istituzzjonijiet oħra), 4 (osservaturi), 8 (kworum), 9 (presidenza tas-seduti), 16 (dritt għall-vot u metodi ta' votazzjoni) u 29 (konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Assemblea, għandhom japplikaw mutatis mutandis għal-laqgħat tal-kumitati.

ANNEX II It-tul tat-testi

Għat-testi mressqa għat-traduzzjoni u għar-riproduzzjoni għandhom japplikaw il-limiti massimi li ġejjin:

- Noti spjegattivi, dokumenti ta' ħidma ta' tħejjija u rapporti ta' missjonijiet ta' tiftix tal-fatti: sitt paġni
- Mozzjonijiet għal risoluzzjoni inklużi fir-rapporti u t-temi urġenti: erba' paġni, inklużi l-premessi iżda mingħajr il-kunsiderazzjonijiet

Paġna għandha tkun meqjusa li tfisser test ta' 1 500 character (mingħajr ma jittieħed kont tal-ispazji).

Dan l-anness jista' jiġi emendat b'deċiżjoni sempliċi mill-Bureau.